Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►**B** **REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/504**

tal-11 ta' Marzu 2015

li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 167/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mar-rekwiżiti amministrattivi għall-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq tal-vetturi għall-agrikoltura u għall-forestrija

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(ĠU L 85, 28.3.2015, p. 1)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1789 tas-7 ta' Settembru 2016	L 277	60	13.10.2016
►**M2**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/128 tal-25 ta' Jannar 2018	L 22	16	26.1.2018
►**M3**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/986 tat-3 ta' April 2018	L 182	16	18.7.2018

▼B

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/504

tal-11 ta' Marzu 2015

li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 167/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mar-rekwiżiti amministrattivi għall-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq tal-vetturi għall-agrikoltura u għall-forestrija

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jipprevedi l-miżuri ta' implimentazzjoni msemmijin fl-Artikolu 68 tar-Regolament (UE) Nru 167/2013 sabiex jiġu stabbiliti kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tar-rekwiżiti amministrattivi għall-approvazzjoni ta' vetturi ġodda għall-agrikoltura u għall-forestrija, kif ukoll ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati mfasslin u mibnija għat-tali vetturi, u għat-tqegħid fis-suq u d-dħul fis-servizz ta' tagħmir jew parts li jistgħu joħolqu riskju serju għall-funzjonament tajjeb tas-sistemi li huma essenzjali għas-sikurezza tal-vettura jew għall-prestazzjoni ambjentali tagħha.

Artikolu 2

Mudelli tad-dokument ta' informazzjoni u tal-fowlder ta' informazzjoni

Il-manifatturi li japplikaw għal approvazzjoni tat-tip tal-UE għandhom jipprovdu d-dokument ta' informazzjoni u l-fowlder ta' informazzjoni msemmija fl-Artikolu 22(1) u fl-Artikolu 22(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 167/2013 abbażi tal-mudell mogħti fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Mudell taċ-ċertifikat tal-manifattur dwar l-aċċess għas-sistemi dijanjostiċi abbord il-vettura u dwar l-aċċess għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura

Il-manifatturi li għalihom japplika l-Artikolu 53(1) tar-Regolament (UE) Nru 167/2013 li japplikaw għal approvazzjoni tat-tip tal-UE għandhom jibagħtu ċertifikat lill-awtorità tal-approvazzjoni dwar l-aċċess għas-sistemi dijanjostiċi abbord il-vettura u l-aċċess għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura skont l-Artikolu 53(8) ta'dak ir-Regolament abbażi tal-mudell mogħti fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 4

Mudelli taċ-ċertifikat tal-konformità

Il-manifatturi għandhom joħorġu ċ-ċertifikat tal-konformità msemmi fl-Artikolu 33(1) tar-Regolament (UE) Nru 167/2013 skont il-mudelli mogħtija fl-Anness III ta' dan ir-Regolament.

▼B

Artikolu 5

Mudelli tal-pjanċa statutorja u tal-marka tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE

Il-manifatturi għandhom joħorġu l-pjanċa statutorja u l-marka tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE msemmija fl-Artikolu 34(1) u (2) tar-Regolament (UE) Nru 167/2013 skont il-mudelli mogħtija fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 6

Mudelli taċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE

L-awtoritajiet tal-approvazzjoni għandhom joħorġu ċ-ċertifikati tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE msemmija fl-Artikolu 25(1) tar-Regolament (UE) Nru 167/2013 skont il-mudelli mogħtija fl-Anness V ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 7

Sistema ta' numerazzjoni taċ-ċertifikati tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE

Iċ-ċertifikati tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE għandhom jingħataw numru skont l-Anness VI.

Artikolu 8

Mudell tal-iskeda tar-riżultati tat-testijiet

L-awtoritajiet tal-approvazzjoni għandhom joħorġu l-iskeda tar-riżultati tat-testijiet imsemmija fl-Artikolu 25(3)(a) tar-Regolament (UE) Nru 167/2013 skont il-mudell mogħti fl-Anness VII ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 9

Format tar-rapporti tat-testijiet

1. Il-format tar-rapporti tat-testijiet imsemmija fl-Artikolu 27(1) tar-Regolament (UE) Nru 167/2013 għandu jikkonforma mar-rekwiżiti ġenerali mogħtija fl-Anness VIII ta' dan ir-Regolament.

2. Ir-rapporti eżistenti tat-testijiet ta' ċerti komponenti u unitajiet tekniċi separati maħruġin skont id-Direttiva 2003/37/KE, skont id-Direttiva 2007/46/KE skont id-Direttiva 97/68/KE, skont ir-Regolament (UE) Nru 595/2009 jew skont ir-regolamenti internazzjonali msemmijin fil-Kapitolu XIII tar-Regolament (UE) Nru 167/2013 u fl-atti delegati u ta' implimentazzjoni adottati skont dak ir-Regolament għandhom jiġu aċċettati għall-għanijiet tal-approvazzjoni tat-tip skont ir-Regolament (UE) Nru 167/2013, dejjem jekk, minn meta jkun sar it-test, la jkunu nbidlu r-rekwiżiti sostantivi u lanqas ma jkunu nbidlu r-rekwiżiti dwar il-proċeduri tat-testijiet. Ir-rapporti tat-testijiet li jħarsu dawn il-kundizzjonijiet għandhom jitniżżlu fl-Anness VIII ta' dan ir-Regolament.

▼B

Artikolu 10

Lista ta' tagħmir jew parts li jistgħu joħolqu riskju serju għall-funzjonament tajjeb tas-sistemi essenzjali

Il-lista ta' tagħmir jew parts li jistgħu joħolqu riskju serju għall-funzjonament tajjeb tas-sistemi li huma essenzjali għas-sikurezza tal-vettura jew għall-prestazzjoni ambjentali tagħha msemmija fl-Artikolu 45(2) tar-Regolament (UE) Nru 167/2013 hija mogħtija fl-Anness IX ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 11

Mudell taċ-ċertifikat għat-tqegħid fis-suq u d-dħul fis-servizz ta' parts jew tagħmir li jista' joħloq riskju serju għall-funzjonament tajjeb tas-sistemi essenzjali

L-awtoritajiet tal-approvazzjoni għandhom joħorġu ċ-ċertifikat għat-tqegħid fis-suq u d-dħul fis-servizz ta' tagħmir jew parts li jistgħu joħolqu riskju serju għall-funzjonament tajjeb tas-sistemi li huma essenzjali għas-sikurezza tal-vettura jew għall-prestazzjoni ambjentali tagħha kif msemmi fl-Artikolu 46(2) tar-Regolament (UE) Nru 167/2013 skont il-mudell mogħti fl-Anness X ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 12

Sistema ta' numerazzjoni taċ-ċertifikati għat-tqegħid fis-suq u d-dħul fis-servizz ta' tagħmir jew parts li jistgħu joħolqu riskju serju għall-funzjonament tajjeb tas-sistemi essenzjali

Iċ-ċertifikati għat-tqegħid fis-suq u d-dħul fis-servizz ta' tagħmir jew parts li jistgħu joħolqu riskju serju għall-funzjonament tajjeb tas-sistemi li huma essenzjali għas-sikurezza tal-vettura jew għall-prestazzjoni ambjentali tagħha għandhom jingħataw numru skont l-Anness XI.

▼M3

Artikolu 12a

Dispożizzjonijiet tranżizzjonali rigward il-magni

Fir-rigward tal-magni b'approvazzjoni tat-tip minn qabel l-1 ta' Jannar 2018, inkella qabel l-1 ta' Jannar 2019 fil-każ ta' magni tas-subkategoriji NRE-v-5 u NRE-c-5, id-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan ir-Regolament, fil-verżjoni applikabbli tiegħu fis-6 ta' Awwissu 2018, għandhom jibqgħu japplikaw:

— Anness I, Parti A;

— Anness I, Parti B, punt 4.2;

— Anness I, Parti B, punt 5, l-entrati 2.2.2, 2.5 sa 2.5.4.2, 5.2 sa 5.5 u 6 sa 8.22.4.2;

— Anness I, Appendiċijiet 1 sa 9;

— Anness I, Appendiċi 10, entrata 2.2.2;

— Anness I, Appendiċijiet 11 sa 14;

— Anness I, Appendiċi 15, entrata 2.2.2;

— Anness I, Appendiċijiet 16 sa 23;

— Anness I, noti ta' spjegazzjoni dwar id-dokument ta' informazzjoni (6), (7), (9), (12), (24), (26), (29), (39), (40), (49) u (56);

▼M3

— Anness II, punt 2.1.1;

— Anness II, nota ta' spjegazzjoni dwar l-Anness II (4);

— Anness III, Appendiċi 1, Mudell 1 tat-Taqsima 2, l-entrati taħt it-titolu “Karatteristiċi Ġenerali tas-Sistema tal-Motopropulsjoni”;

— Anness III, Appendiċi 1, Mudell 1 tat-Taqsima 2, l-entrati taħt it-titolu “Magna”;

— Anness III, Appendiċi 1, Mudell 1 tat-Taqsima 2, it-test taħt it-titolu “Ir-riżultati tat-testijiet tal-ħruġ ta' duħħan mill-vettura (inkluż il-fattur ta' deterjorament)”, it-tieni u r-raba' inċiżi tal-ewwel paragrafu;

— Anness III, Appendiċi 1, Mudell 1 tat-Taqsima 2, it-test taħt it-titolu “Ir-riżultati tat-testijiet tal-ħruġ ta' duħħan mill-vettura (inkluż il-fattur ta' deterjorament)”, it-tabella;

— Anness III, Appendiċi 1, noti ta' spjegazzjoni marbuta mal-Appendiċi 1, bl-eċċezzjoni tan-nota ta' spjegazzjoni (32);

— Anness IV;

— Anness V, Appendiċi 2, noti ta' spjegazzjoni marbuta mal-Appendiċi 2;

— Anness V, Appendiċi 4;

— Anness V, Appendiċi 5;

— Anness VII, Appendiċi 1, bl-eċċezzjoni tal-punt 1 u l-ewwel inċiż tat-test taħt il-punt 2;

— Anness VIII, bl-eċċezzjoni tal-punt 3.2, it-tabella 8-1, it-tieni ringiela.

▼B

Artikolu 13

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2016.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

LISTA TAL-ANNESSI

Numru tal-Anness	Titlu tal-Anness
I	Mudell tad-dokument ta' informazzjoni u tal-fowlder ta' informazzjoni
II	Mudell taċ-ċertifikat tal-manifattur dwar l-aċċess għas-sistemi dijanjostiċi abbord il-vettura u dwar l-aċċess għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura
III	Mudelli taċ-ċertifikat tal-konformità
IV	Mudelli tal-pjanċa statutorja u tal-marka tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE
V	Mudelli taċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE
VI	Sistema ta' numerar taċ-ċertifikati tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE
VII	Mudell tal-iskeda tar-riżultati tat-testijiet
VIII	Format tar-rapporti tat-testijiet
IX	Lista ta' tagħmir jew parts li jistgħu joħolqu riskju serju għall-funzjonament tajjeb tas-sistemi essenzjali
X	Mudell taċ-ċertifikat għat-tqegħid fis-suq u d-dħul fis-servizz ta' tagħmir jew parts li jistgħu joħolqu riskju serju għall-funzjonament tajjeb tas-sistemi essenzjali
XI	Sistema ta' numerar taċ-ċertifikati għat-tqegħid fis-suq u d-dħul fis-servizz ta' tagħmir jew parts li jistgħu joħolqu riskju serju għall-funzjonament tajjeb tas-sistemi essenzjali

▼B

ANNESS I

Mudell tad-dokument ta' informazzjoni u tal-fowlder ta' informazzjoni

Lista tal-Appendiċijiet

Numru tal-Appendiċi	Titlu tal-Appendiċi
1	Mudell tad-dokument ta' informazzjoni marbut mal-approvazzjoni tat-tip tal-UE ta' tip ta' sistema tal-installazzjoni ta' magna jew ta' familja ta' magni (jew ta' tip ta' vettura b'rabta ma' sistema bħal din)
2	Mudell tad-dokument ta' informazzjoni marbut mal-approvazzjoni tat-tip tal-UE ta' tip ta' sistema ta' kontroll tal-livell tal-ħoss estern (jew ta' tip ta' vettura b'rabta ma' sistema bħal din)
3	Mudell tad-dokument ta' informazzjoni marbut mal-approvazzjoni tat-tip tal-UE ta' magna jew ta' familja ta' magni bħala komponent jew unità teknika separata (UTS)
4	Mudell tad-dokument ta' informazzjoni marbut mal-approvazzjoni tat-tip tal-UE ta' tip ta' sistema ta' informazzjoni tas-sewwieq (jew ta' tip ta' vettura b'rabta ma' sistema bħal din)
5	Mudell tad-dokument ta' informazzjoni marbut mal-approvazzjoni tat-tip tal-UE ta' tip ta' sistema ta' installazzjoni tad-dawl u tal-apparat għas-sinjalar bid-dawl (jew ta' tip ta' vettura b'rabta ma' sistema bħal din)
6	Mudell tad-dokument ta' informazzjoni marbut mal-approvazzjoni tat-tip tal-UE ta' tip ta' sistema ta' kontroll tal-kompatibbiltà elettromanjetika (jew ta' tip ta' vettura b'rabta ma' sistema bħal din)
7	Mudell tad-dokument ta' informazzjoni marbut mal-approvazzjoni tat-tip tal-UE ta' tip ta' sistema ta' installazzjoni tal-apparati ta' twissija permezz tal-ħoss (jew ta' tip ta' vettura b'rabta ma' sistema bħal din)
▼M1 8	Dokument ta' informazzjoni dwar il-mudell marbut mal-approvazzjoni tat-tip tal-UE ta' tip ta' (jew tip ta' vettura fir-rigward ta') installazzjoni ta' mirja retro-viżuri bħala sistema;
▼B 9	Mudell tad-dokument ta' informazzjoni marbut mal-approvazzjoni tat-tip tal-UE ta' tip ta' sistema ta' installazzjoni ta' xażi armat biċ-ċineg b'kollox (jew ta' tip ta' vettura b'rabta ma' sistema bħal din)
▼M3 10	Mudell tad-dokument ta' informazzjoni marbut mal-approvazzjoni tat-tip tal-UE tal-kompatibbiltà elettromanjetika tas-subassemblaġġi elettriċi jew elettroniċi bħala komponent/unità teknika separata (STU)
▼B 11	Mudell tad-dokument ta' informazzjoni marbut mal-approvazzjoni tat-tip tal-UE tal-mases tas-saborra bħala komponent jew UTS
12	Mudell tad-dokument ta' informazzjoni marbut mal-approvazzjoni tat-tip tal-UE ta' struttura ta' protezzjoni laterali u/jew ta' struttura ta' protezzjoni fuq wara bħala komponent jew UTS
13	Mudell tad-dokument ta' informazzjoni marbut mal-approvazzjoni tat-tip tal-UE ta' tajer bħala komponent

▼B

Numru tal-Appendiċi	Titlu tal-Appendiċi
14	Mudell tad-dokument ta' informazzjoni marbut mal-approvazzjoni tat-tip tal-UE ta' ggankċjar mekkaniku bħala komponent jew UTS
15	Mudell tad-dokument ta' informazzjoni marbut mal-approvazzjoni tat-tip tal-UE ta' tip ta' sistema tal-brejkijiet (jew ta' tip ta' vettura b'rabta ma' sistema bħal din)
16	Mudell tad-dokument ta' informazzjoni marbut mal-approvazzjoni tat-tip tal-UE ta' tip ta' sistema ta' kontroll tal-esponiment tas-sewwieq għal-livell tal-ħoss (jew ta' tip ta' vettura b'rabta ma' sistema bħal din)
17	Mudell tad-dokument ta' informazzjoni marbut mal-approvazzjoni tat-tip tal-UE ta' tip ta' sistema tal-ankraġġi taċ-ċinturini tas-sikurezza (jew ta' tip ta' vettura b'rabta ma' sistema bħal din)
18	Mudell tad-dokument ta' informazzjoni marbut mal-approvazzjoni tat-tip tal-UE ta' tip ta' sistema għall-protezzjoni mis-sustanzi perikolużi (jew ta' tip ta' vettura b'rabta ma' sistema bħal din)
19	Mudell tad-dokument ta' informazzjoni marbut mal-approvazzjoni tat-tip tal-UE ta' struttura ta' protezzjoni kontra l-qlib (ROPS) bħala UTS
20	Mudell tad-dokument ta' informazzjoni marbut mal-approvazzjoni tat-tip tal-UE ta' struttura ta' protezzjoni minn oġġetti li jaqgħu (FOPS) bħala UTS
21	Mudell tad-dokument ta' informazzjoni marbut mal-approvazzjoni tat-tip tal-UE ta' sit tas-sewwieq bħala komponent jew UTS
22	Mudell tad-dokument ta' informazzjoni marbut mal-approvazzjoni tat-tip tal-UE ta' ċinturin tas-sikurezza bħala komponent jew UTS
23	Mudell tad-dokument ta' informazzjoni marbut mal-approvazzjoni tat-tip tal-UE ta' struttura ta' protezzjoni minn oġġetti penetranti (struttura għall-protezzjoni tal-operaturi (OPS)) bħala UTS
24	Dikjarazzjoni tal-manifattur dwar il-miżuri għal kontra t-tbagħbis fis-sistema tal-motopropulsjoni u fir-regolatur tal-ispid eċċessiv

PARTI A

IL-FOWLDER TAL-INFORMAZZJONI

1. **Rekwiżiti ġenerali**

1.1. Meta manifattur japplika għall-approvazzjoni tat-tip tal-UE għal vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata, huwa għandu jipprovdi, skont l-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) Nru 167/2013, fowlder tal-informazzjoni li għandu jinkludi dan li ġej:

(a) werrej;

(b) l-informazzjoni dwar il-proċedura tal-approvazzjoni tat-tip magħżula skont l-Artikolu 20(1) tar-Regolament (UE) Nru 167/2013, li l-mudell tagħha huwa stabbilit fil-punt 2 (l-iskeda tal-fowlder tal-informazzjoni);

(c) id-dokument tal-informazzjoni kif stabbilit fil-Parti B ta' dan l-Anness;

(d) id-dejta, id-disinji, ir-ritratti u l-informazzjoni l-oħra kollha rilevanti kif meħtieġ fid-dokument tal-informazzjoni;

▼B

(e) iċ-ċertifikat tal-manifattur li jservi ta' prova tal-konformità mar-rekwiżiti tal-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip għall-aċċess għas-sistemi dijanjostiċi abbord il-vettura (OBD) u għall-aċċess għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura, kif imsemmi fl-Artikolu 53(8) tar-Regolament (UE) Nru 167/2013 u kif stabbilit fl-Anness II ta' dan ir-Regolament;

(f) għat-tratturi li jkollhom approvazzjoni tat-tip u li jkollhom makkinarju mmuntat fuqhom u għall-vetturi tal-kategoriji R u S, dokument li jistabbilixxi l-kontenut tad-dikjarazzjoni ta' konformità tal-KE skont id-dispożizzjonijiet nazzjonali li jimplimentaw id-Direttiva 2006/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li mhux bilfors ikun jinkludi n-numru tas-serje u l-firma;

jekk jiġi mitlub mill-awtorità tal-approvazzjoni, il-manifattur għandu jibgħat ukoll id-dokumentazzjoni kollha rilevanti inkluża fil-fajl tekniku tal-makkinarju stabbilit fl-Anness VII ta' dik id-Direttiva, u b'mod speċjali:

— l-istandards u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi l-oħra użati, u indikazzjoni tar-rekwiżiti essenzjali tas-saħħa u tas-sigurtà li dawn l-istandards ikopru;

— kull rapport tekniku li fih jingħataw ir-riżultati tat-testijiet li jkun għamel il-manifattur jew li jkun għamel korp magħżul minnu jew mir-rappreżentant awtorizzat tiegħu;

(g) l-informazzjoni l-oħra kollha mitluba mill-awtorità tal-approvazzjoni bħala parti mill-proċedura tal-approvazzjoni;

(h) id-dikjarazzjoni tal-manifattur dwar il-miżuri għal kontra t-tbagħbis fis-sistema tal-motopropulsjoni u fir-regolatur tal-ispid eċċessiv kif imsemmi fl-Artikolu 17(2)(b) tar-Regolament (UE) Nru 167/2013 u fil-punt 4.3.2 tal-Anness III tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni UE 2015/208 ([1]), skont il-mudell stabbilit fl-Appendiċi 24 ta' dan l-Anness;

(i) għall-vetturi mgħammra b'apparati elettriċi jew elettroniċi li jillimitaw il-prestazzjoni tas-sistemi ta' propulsjoni tagħhom, dejta u evidenza li turi li bidla fl-apparat jew fis-sistema tal-wajers tiegħu jew l-iskonnettjar tal-apparat jew tas-sistema tal-wajers tiegħu mhux se jżidu l-prestazzjoni tas-sistemi ta' propulsjoni;

▼M1

(j) għal vetturi tal-kategoriji T2, T3 u T4.3 mgaħmmrin b'ROPS li jintwew b'sistema ta' llokkjar awtomatika, ċertifikat tal-manifattur li jiddikjara li t-test preliminari sar skont il-proċedura tat-test stipulata fil-punt 5.5. tal-Parti B3 tal-Anness IX għar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1322/2014 ([2]).

▼B

1.2. Għandhom jintbagħtu tliet kopji tal-applikazzjonijiet stampati mibgħuta. Kwalunkwe disinn għandu jintbagħat fuq folji ta' daqs A4 jew f'fowlder bil-format A4 u jkun fuq skala xierqa u ddettaljat biżżejjed. F'każ li jkun hemm xi ritratti, dawn għandhom ikunu ddettaljati biżżejjed.

([1]) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 2015/208 tat-8 ta' Diċembru 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 167/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' rekwiżiti ta' sikurezza funzjonali tal-vetturi għall-approvazzjoni ta' vetturi għall-agrikoltura u l-forestrija (ĠU L 42, 17.2.2015, p. 1).

([2]) ►M1 Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1322/2014 tad- 19 ta' Settembru 2014 li jissupplementa u jemenda r-Regolament (UE) Nru 167/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-bini tal-vetturi u tar-rekwiżiti ġenerali għall-approvazzjoni tal-vetturi għall-agrikoltura u għall-forestrija (ĠU L 364, 18.12.2014, p. 1). ◄

▼B

1.3. Għandha tintbagħat informazzjoni dwar il-prestazzjoni tas-sistemi elettroniċi kumplessi ta' kontroll tal-vettura mniżżlin fl-Appendiċi 2 tal-Anness XXIII tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1322/2014 ([1]).

▼M3

1.4. Fil-każ tal-magni, għandu jiġi pprovdut il-folder tal-informazzjoni u d-dokument ta' informazzjoni msemmija fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/656 ([2]).

▼B

2. **Mudell tal-iskeda tal-fowlder tal-informazzjoni.**

Informazzjoni

dwar il-proċedura tal-approvazzjoni tat-tip magħżula skont l-Artikolu 20(1) tar-Regolament (UE) Nru 167/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

L-iskeda tal-fowlder tal-informazzjoni —

Verżjoni ta' din id-dikjarazzjoni mimlija kif suppost għandha tiġi inkluża fil-fowlder tal-informazzjoni.

Il-firmatarju li jidher hawn taħt: [..... (isem sħiħ u kariga)]

L-isem u l-indirizz tal-kumpanija tal-manifattur ([4]): .....

L-isem u l-indirizz tar-rappreżentant tal-manifattur (jekk ikun il-każ) ([4]): .....

b'dan qed japplika għall-proċedura tal-approvazzjoni tat-tip li ġejja:

(a) approvazzjoni tat-tip stadju wara l-ieħor ([1])

(b) approvazzjoni tat-tip fi stadju wieħed ([1])

(c) approvazzjoni tat-tip imħallta ([1])

Jekk jintgħażlu l-proċeduri (a) jew (c), tiġi ddikjarata l-konformità mar-rekwiżiti bħal fil-proċedura (b) għas-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati kollha.

Approvazzjoni tat-tip f'diversi stadji magħżula skont l-Artikolu 20(5) tar-Regolament (UE) Nru 167/2013: iva/le ([1])

Informazzjoni li għandha timtela dwar il-vetturi jekk l-applikazzjoni tkun għall-approvazzjoni tat-tip tal-UE ta' vettura sħiħa:

1.1. Għamla (isem kummerċjali tal-manifattur) ([4]): .....

1.2. Tip ([2]): .....

1.2.1. Varjanti ([2]): .....

1.2.2. Verżjonijiet ([2]): .....

1.2.3. Ismijiet kummerċjali (jekk ikunu disponibbli): .....

1.2.4. Numri tal-approvazzjoni tat-tip tal-istadji ta' qabel ([4]): .....

1.3. Kategorija, subkategorija u indiċi tal-veloċità tal-vettura ([3]): .....

Qed japplika għall-approvazzjoni tat-tip:

(a) ta' tip ta' vettura sħiħa ([1])

(b) ta' tip ta' vettura li ġiet kompluta ([1])

(c) ta' tip ta' vettura li mhix kompluta ([1])

(d) ta' tip ta' vettura b'varjanti sħaħ u oħrajn li mhumiex kompluti ([1])

(e) ta' tip ta' vettura b'varjanti li ġew kompluti u oħrajn li mhumiex kompluti ([1])

([1]) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1322/2014 tad-19 ta' Settembru 2014 li jissupplimenta u jemenda r-Regolament (UE) Nru 167/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-bini tal-vetturi u tar-rekwiżiti ġenerali għall-approvazzjoni tal-vetturi għall-agrikoltura u għall-forestrija (ĠU L 364, 18.12.2014, p. 1).

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/656 tad-19 ta' Diċembru 2016 li jistabbilixxi r-rekwiżiti amministrattivi relatati mal-limiti tal-emissjonijiet u mal-approvazzjoni tat-tip għall-magni b'kombustjoni interna għal makkinarju mobbli mhux tat-triq skont ir-Regolament (UE) 2016/1628 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 102, 13.4.2017, p. 364).

▼B

Informazzjoni li għandha timtela jekk l-applikazzjoni tkun għall-approvazzjoni tat-tip ta' sistema, komponent jew unità teknika separata ([1]):

2.1. Għamliet (ismijiet kummerċjali tal-manifattur): .....

2.2. Tip ([5]): .....

2.2.1. Ismijiet kummerċjali (jekk ikunu disponibbli): .....

▼M3

_____

▼B

2.8. Ittestjar virtwali u/jew awtottestjar ([1])

2.8.1. Lista ġenerali tas-sistemi, tal-komponenti jew tal-unitajiet tekniċi separati li ġew ittestjati b'mod virtwali u/jew li ġew awtottestjati skont l-Artikoli 27(4) u 60 tar-Regolament (UE) Nru 167/2013:

Tabella ġenerali tal-ittestjar virtwali u/jew tal-awtottestjar

Referenza tal-att delegat	Numru tal-Anness	Rekwiżit	Restrizzjonijiet/ Kummenti

2.8.2. Rapport iddettaljat dwar il-validazzjoni tal-ittestjar virtwali u/jew tal-awtottestjar mehmuż: iva/le

Post: … Data: …

Firma: … Isem u kariga fil-kumpanija: …

Noti ta' spjegazzjoni marbutin mal-iskeda tal-fowlder tal-informazzjoni

(Ir-referenzi għan-noti ta' qiegħ il-paġna, in-noti ta' qiegħ il-paġna u n-noti ta' spjegazzjoni m'għandhomx jitniżżlu fl-iskeda tal-fowlder tal-informazzjoni)

(1) Ħassar jekk mhux applikabbli.

(2) Agħti l-kodiċi alfanumeriku tat-Tip-Varjant-Verżjoni jew "TVV" allokat għal kull tip, varjant u verżjoni kif stabbilit fil-punt 2.3. tal-Parti B tal-Anness I ta' dan ir-Regolament. Għall-identifikazzjoni tal-varjant u tal-verżjonijiet, wieħed jista' juża l-matriċi stabbilita fil-punt 2.2. tal-Parti B tal-Anness I ta' dan ir-Regolament.

(3) Ikklassifikati skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 167/2013; għandu jingħata l-kodiċi, pereżempju "T4.3a" għal trattur baxx b'veloċità massima skont id-disinn ta' 40 km fis-siegħa jew inqas.

(4) Fil-każ ta' approvazzjoni tat-tip f'diversi stadji, agħti din l-informazzjoni għal kull stadju.

▼M3

(5) Fil-każ tal-magni, indika d-dežinjazzjoni tat-tip tal-magna jew, fil-każ ta' tipi ta' magni f'familja ta' magni, it-Tip tal-Familja (FT) b'konformità mal-punt 4 tal-Parti B tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/656.

▼B

PARTI B

ID-DOKUMENT TAL-INFORMAZZJONI

1. REKWIŻITI ĠENERALI

1.1. Id-dokument tal-informazzjoni għandu jkollu numru ta' referenza mogħti mill-applikant.

1.2. F'każ li jinbidlu d-dettalji mogħtija fid-dokument tal-informazzjoni mibgħut b'rabta mal-approvazzjoni tal-vetturi, il-manifattur għandu jibgħat il-paġni riveduti lill-awtorità tal-approvazzjoni u fihom għandu juri biċ-ċar in-natura tal-bidliet u d-data tal-ħruġ mill-ġdid tad-dokument.

2. APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-VETTURI

2.1. Id-dokumenti tal-informazzjoni kollha għandhom jinkludu dan li ġej:

— il-matriċi mogħtija fil-punt 2.2. sabiex jiġu identifikati l-verżjonijiet u l-varjanti tal-vettura li għaliha tkun qed tintalab l-approvazzjoni tat-tip;

— lista tal-oġġetti applikabbli għall-kategorija (jew għas-subkategorija) u għall-karatteristiċi tekniċi tal-vettura li minnhom ittieħed il-kontenut, li żżomm is-sistema ta' numerar tal-lista sħiħa stabbilita fil-punt 5.

2.2. Matriċi li turi l-kombinazzjonijiet tal-entrati mniżżlin fil-punt 5. fil-verżjonijiet u l-varjanti tat-tip ta' vettura.

Matriċi tal-varjanti u tal-verżjonijiet

Numru tal-oġġett	Kollha	Il-verżjoni 1	Il-verżjoni 2	Il-verżjoni 3	Il-verżjoni n

2.2.1. Għandha tiġi kkompilata matriċi separata għal kull varjant ta' tip.

2.2.2. L-entrati li m'għandhom l-ebda restrizzjoni fuq kif jistgħu jiġu kkombinati f'varjant partikulari għandhom jitniżżlu fil-kolonna intitolata “Kollha”.

2.2.3. L-informazzjoni msemmija hawn fuq tista' tiġi ppreżentata f'forma oħra jew tiżdied mal-informazzjoni mogħtija skont il-punt 5.

2.3. Deżinjazzjonijiet tat-tipi, tal-varjanti u tal-verżjonijiet

2.3.1. Il-manifattur għandu jalloka kodiċi alfanumeriku għal kull tip, varjant u verżjoni ta' vettura, li jkun magħmul minn ittri Rumani u/jew minn numri Għarab u li għandu jiġi indikat ukoll fiċ-ċertifikat tal-konformità tal-vettura kkonċernata (ara l-Anness III).

Il-parentesi u s-sinkijiet jistgħu jintużaw sakemm dawn ma jiħdux post ittra jew numru.

2.3.2. Il-kodiċi kollu għandu jissejjaħ: il-kodiċi tat-Tip-Varjant-Verżjoni jew “TVV”.

▼B

2.3.3. It-TVV għandu jidentifika b'mod ċar u mingħajr ambigwità kombinazzjoni unika ta' karatteristiċi tekniċi b'rabta mal-kriterji ddefiniti fil-Parti B ta' dan l-Anness.

2.3.4. L-istess manifattur jista' juża l-istess kodiċi biex jiddefinixxi tip ta' vettura li tkun tidħol f'żewġ kategoriji jew iżjed.

2.3.5. L-istess manifattur m'għandux juża l-istess kodiċi biex jiddefinixxi tip ta' vettura għal iżjed minn approvazzjoni waħda tat-tip fl-istess kategorija ta' vetturi.

2.3.6. Għadd ta' karattri li jiffurmaw il-kodiċi tat-TVV

2.3.6.1. L-għadd ta' karattri m'għandux jaqbeż:

(a) il-15-il karattru għall-kodiċi tat-tip ta' vettura;

(b) il-25 karattru għall-kodiċi ta' varjant wieħed;

(c) il-35 karattru għall-kodiċi ta' verżjoni waħda.

2.3.6.2. Il-kodiċi alfanumeriku tat-TVV kollu m'għandux ikollu iktar minn 75 karattru.

2.3.6.3. Meta l-kodiċi tat-TVV jintuża b'mod sħiħ, għandu jitħalla spazju bejn il-karattri li jirrappreżentaw it-tip, dawk li jirrappreżentaw il-varjant u dawk li jirrappreżentaw il-verżjoni.

Eżempju ta' kodiċi tat-TVV bħal dan: 159AF[… spazju]0054[… spazju]977K(BE).

3. APPROVAZZJONI TAT-TIP TAS-SISTEMI, TAL-KOMPONENTI U TAL-UNITAJIET TEKNIĊI SEPARATI

3.1. Għal sistema, komponent jew unità teknika separata, kif imniżżel fit-Tabella 1-1, il-manifattur għandu jimla l-Appendiċi applikabbli ta' dan l-Anness.

Minbarra li jikkonformaw mal-Annessi msemmija fit-Tabella 1-1, is-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati għandhom jikkonformaw ukoll mar-rekwiżiti li ġejjin:

(a) l-arranġamenti għall-proċeduri tal-approvazzjoni tat-tip (stabbiliti fl-Anness III tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni UE Nru 1322/2014);

(b) il-konformità tal-produzzjoni (stabbilita fl-Anness IV tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni UE Nru 1322/2014))

(c) l-aċċess għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni (Anness V tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni UE Nru 1322/2014).

▼M1

Tabella 1-1

Listi ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati li jistgħu jkunu soġġetti għal approvazzjoni tat-tip tal-UE

▼M3

LISTA I — Rekwiżiti ta' prestazzjoni tal-unità tal-propulsjoni u ta' prestazzjoni ambjentali

Appendiċi	Is-sistema jew il-komponent/ l-unità teknika separata (STU)	Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/985 ([1]) Numru tal-Anness	Kif emendat minn u/jew fl-istadju ta' implimentazzjoni
1	Sistema: installazzjoni ta' magna/familja ta' magni	I	
2	Sistema: livell ta' ħoss estern	II	
3	Komponent/STU: magna/ familja ta' magni	I	

▼M1

LISTA II — Rekwiżiti dwar is-sikurezza funzjonali tal-vettura

Appendiċi	Is-sistema jew il-komponent/ l-unità teknika separata (STU)	Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/208Numru tal-Anness	Kif emendat minn u/jew fl-istadju ta' implimentazzjoni
4	Sistema: informazzjoni dwar is-sewwieq	X	
5	Sistema: installazzjoni ta' dwal u apparati li jissen-jalaw id-dawl	XII	
6	Sistema: kompatibilità elettromanjetika	XV	
7	Sistema: installazzjoni ta' apparat(i) ta' twissija li jinstema'(għu)	XVI	
8	Sistema: installazzjoni ta' mirja retroviżivi	IX	
9	Sistema: installazzjoni ta' crawler undercarriage	XXXIII	

▼M3

10	Komponent/STU: kompati-bilità elettromanjetika tas-subassemblaġġi elettriċi / elettroniċi	XV	

▼M1

11	Komponent/STU: mases tal-ballast	XXIII	
12	Komponent/STU: struttura protettiva tal-ġenb u/jew ta' wara	XXVI / XXVII	
13	Komponent: tajer	XXX	
14	Komponent/STU: akkoppja-ment mekkaniku	XXXIV	

▼M1

LISTA III — Rekwiżiti ta' bbrejkjar tal-vettura

Appendiċi	Is-sistema jew il-komponent/ l-unità teknika separata (STU)	Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/68 ([2]) Numru tal-Anness	Kif emendat minn u/jew fl-istadju ta' implimentazzjoni
15	Sistema: ibbrejkjar	II	

LISTA IV — Bini tal-vetturi u rekwiżiti ġenerali tal-approvazzjoni tat-tip

Appendiċi	Is-sistema jew il-komponent/ l-unità teknika separata (STU)	Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1322/2014Numru tal-Anness	Kif emendat minn u/jew fl-istadju ta' implimentazzjoni
16	Sistema: l-espożizzjoni tas-sewwieq għal-livell ta' storbju	XIII	
17	Sistema: ankraġġi taċ-ċinturin tas-sikurezza	XVIII	
18	Sistema: protezzjoni kontra sustanzi perikoluż	XXIX	
19	STU: struttura ta' protezzjoni kontra l-qlib (ROPS)	VI / VII / VIII / IX / X	
20	STU: struttura ta' protezzjoni minn oġġetti li jaqgħu (FOPS)	XI	
21	Komponent/STU: sit tas-sewwieq	XIV	
22	Komponent/STU: ċinturini tas-sikurezza	XIX	
23	STU: protezzjoni kontra oġġetti penetranti (OPS)	XX	

►M3 ([1]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/985 tat-12 ta' Frar 2018 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 167/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti tal-prestazzjoni ambjentali u tal-unità tal-propulsjoni tal-vetturi għall-agrikoltura u għall-forestrija u l-magni tagħhom u li jħassar ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/96 (ĠU L 182, 18.7.2018, p. 1). ◄

([2]) Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/68 tal-15 ta' Ottubru 2014 li jissupplementa r-Regolament (UE) Nru 167/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti tal-ibbrejkjar tal-vettura għall- approvazzjoni tal- vetturi għall-agrikoltura u għall-forestrija (ĠU L 17, 23.1.2015, p. 1).

▼B

4. NUMRI TAL-APPROVAZZJONI TAT-TIP JEW TAR-RAPPORTI TAT-TESTIJIET TAS-SUĠĠETTI APPLIKABBLI

4.1. Il-manifattur għandu jipprovdi l-informazzjoni mitluba fit-tabella 1-2 għas-suġġetti applikabbli għall-vettura stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 167/2013. Għandhom jiġu inklużi l-approvazzjonijiet kollha rilevanti u r-rapporti tat-testijiet kollha rilevanti (jekk dawn ikunu disponibbli) għal kull suġġett. Madankollu, l-informazzjoni dwar is-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati m'għandhiex għalfejn tingħata hawnhekk, dment li tkun mogħtija fiċ-ċertifikat tal-approvazzjoni korrispondenti.

▼B

Tabella 1-2

In-numru tal-approvazzjoni tat-tip u ħarsa ġenerali lejn ir-rapporti tat-testijiet

In-numru tal-oġġett u s-suġġett	In-numru tal-approvazzjoni tat-tip jew tar-rapport tat-test (***)	Id-data tal-ħruġ tal-approvazzjoni tat-tip jew tal-estensjoni tagħha jew tar-rapport tat-test	L-Istat Membru jew il-Parti Kontraenti (*) li qed toħroġ l-approvazzjoni tat-tip (**) jew is-servizz tekniku li qed joħroġ ir-rapport tat-test (***)	Ir-referenza għall-att regolatorju u għall-aħħar emenda tiegħu	Varjanti/ verżjonijiet
pereżempju "36 ROPS (imqiegħda fuq iċ-ċineg)"					

(*) Il-Partijiet Kontraenti tal-Ftehim rivedut tal-1958.
(**) Din l-informazzjoni għandha tingħata jekk ma tkunx tista' tinkiseb min-numru tal-approvazzjoni tat-tip.
(***) L-awtorità tal-approvazzjoni għandha ddaħħal ir-referenzi għar-rapporti tat-testijiet, stabbiliti mill-atti regolatorji, li għalihom ma jkun hemm l-ebda ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip.

Firma: .....

Kariga fil-kumpanija: .....

Data: .....

▼M3

4.2. Fil-każ ta' dawk is-suġġetti msemmija fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 167/2013 li nħarġulhom approvazzjonijiet skont ir-Regolament (UE) 2016/1628 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), ir-Regolament (KE) Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) jew ir-Regolamenti tan-NU/KEE msemmija fl-Artikolu 49 tar-Regolament (UE) Nru 167/2013 (l-approvazzjonijiet tan-NU/KEE), jew li huma bbażati fuq rapporti sħaħ tat-testijiet maħruġin abbażi tal-Kodiċijiet standard tal-OECD minflok fuq rapporti tat-testijiet imfasslin skont dak ir-Regolament u skont l-atti delegati adottati skont dak l-istess Regolament, il-manifattur għandu jipprovdi l-informazzjoni mitluba fil-punt 5 biss jekk din ma tkunx mogħtija diġà fiċ-ċertifikat tal-approvazzjoni u/jew fir-rapport tat-test korrispondenti. Madankollu, l-informazzjoni msemmija fiċ-ċertifikat tal-konformità (fl-Anness III ta' dan ir-Regolament) għandha tingħata fi kwalunkwe każ

▼B

5. DEJTA MDAĦĦLA FID-DOKUMENT TAL-INFORMAZZJONI

A. **INFORMAZZJONI ĠENERALI**

1. INFORMAZZJONI ĠENERALI DWAR IL-VETTURI

1.1. Għamla (isem kummerċjali tal-manifattur) ([18]): .....

1.2. **Tip** ([17])**:** .....

1.2.1. Varjanti ([17]): .....

1.2.2. Verżjonijiet ([17]): .....

1.2.3. Ismijiet kummerċjali (jekk inhuma disponibbli): .....

1.2.4. Numri tal-approvazzjoni tat-tip tal-istadji ta' qabel ([3]) ([18]): .....

([1]) Ir-Regolament (UE) 2016/1628 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 dwar ir-rekwiżiti relatati mal-limiti tal-emissjonijiet ta' inkwinanti gassużi u partikolati u l-approvazzjoni tat-tip għall-magni b'kombustjoni interna għal makkinarju mobbli mhux tat-triq, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1024/2012 u (UE) Nru 167/2013, u li jemenda u jirrevoka d-Direttiva 97/68/KE, (ĠU L 252, 16.9.2016, p. 53).

([2]) Ir-Regolament (KE) Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u magni rigward l-emissjonijiet minn vetturi heavy-duty (Euro VI) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 715/2007 u d-Direttiva 2007/46/KE u li jħassar id-Direttivi 80/1269/KEE, 2005/55/KE u 2005/78/KE (ĠU L 188, 18.7.2009, p. 1).

▼B

1.3. **Kategorija, subkategorija u indiċi tal-veloċità tal-vettura** ([2])**:** .....

1.4. **Isem u indirizz tal-kumpanija tal-manifattur** ([18])**:** .....

1.4.1. Ismijiet u indirizzi tal-impjanti tal-assemblaġġ: .....

1.4.2. Isem u indirizz tar-rappreżentant awtorizzat tal-manifattur (jekk hemm wieħed): .....

1.5. **Il-pjanċi statutorji tal-manifattur:**

1.5.1. Pożizzjoni tal-pjanċa statutorja tal-manifattur ([18]): .....

1.5.2. Metodu tat-twaħħil ([18]): .....

1.5.3. Ritratti u/jew disinji tal-pjanċa statutorja (eżempju komplut bil-qisien) ([18]): .....
.....

1.6. **Numru ta' identifikazzjoni tal-vettura**

1.6.1. Pożizzjoni tan-numru ta' identifikazzjoni tal-vettura fuq ix-xaża: .....

1.6.2. Ritratti u/jew disinji tal-pożizzjonijiet tan-numru ta' identifikazzjoni tal-vettura (eżempju komplut bil-qisien): .....

▼M1

_____

1.6.3. In-numru tat-tip ta' identifikazzjoni tal-vettura jibda bi: ....

▼B

2. INFORMAZZJONI ĠENERALI DWAR IS-SISTEMI, IL-KOMPONENTI JEW L-UNITAJIET TEKNIĊI SEPARATI

2.1. **Għamliet (ismijiet kummerċjali tal-manifattur):** .....

▼M3

2.2. **Tip** ([6]): .....

▼B

2.2.1. Ismijiet kummerċjali (jekk inhuma disponibbli): .....

2.2.2. Numri tal-approvazzjoni tat-tip ([49]) (jekk inhuma disponibbli): .....

2.2.3. Approvazzjonijiet tat-tip maħruġin fi (id-data, jekk inhi disponibbli): .....

2.2.4. Għall-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati, il-pożizzjoni u l-metodu ta' twaħħil tal-marka(i) tal-approvazzjoni tat-tip (jekk disponibbli) ([19]): .....

2.3. **Isem u indirizz tal-kumpanija tal-manifattur:** .....

2.3.1. Ismijiet u indirizzi tal-impjanti tal-assemblaġġ jew tal-manifattura: .....

2.3.2. Isem u indirizz tar-rappreżentant awtorizzat tal-manifattur (jekk hemm wieħed): .....

2.4. **Għal sistemi u l-unitajiet tekniċi separati, il-vettura(i) li għalihom huma intiżi** ([21])**:**

2.4.1. **Tip** ([17])**:** .....

▼B

2.4.2. Varjanti ([17]): .....

2.4.3. Verżjonijiet ([17]): .....

2.4.4. Ismijiet kummerċjali (jekk inhuma disponibbli): .....

2.4.5. Kategorija, subkategorija u indiċi tal-veloċità tal-vettura ([2]): .....

▼M3

_____

▼B

3. KARATTERISTIĊI ĠENERALI TAL-KOSTRUZZJONI

3.1. Ritratti jew disinji ta' verżjoni rappreżentattiva tal-vettura: .....

3.2. Disinn fuq skala tal-vettura kollha bid-dimensjonijiet immarkati: .....

▼M1

3.3. Fusien u roti:

▼B

3.3.1. Għadd ta' fusien u roti: .....

3.3.2. Għadd ta' fusien b'roti doppji u l-pożizzjoni tagħhom ([23]): .....

3.3.3. Għadd ta' fusien immanuvrati u l-pożizzjoni tagħhom ([23]): .....

3.3.4. Għadd ta' fusien motorizzati u l-pożizzjoni tagħhom ([23]): .....

3.3.5. Għadd ta' fusien ibbrejkjati u l-pożizzjoni tagħhom ([23]): .....

3.4. **Għall-vetturi tal-kategorija C:**

3.4.1. Konfigurazzjoni tax-xaża armat biċ-ċineg b'kollox: b'sett ta' ċineg fuq quddiem/b'sett ta' ċineg fuq wara/b'sett ta' ċineg fuq quddiem u ieħor fuq wara/b'ċinga kontinwa fuq kull naħa tal-vettura ([4])

3.4.2. Għadd ta' settijiet motorizzati ta' ċineg u l-pożizzjoni tagħhom ([22]): .....

3.4.3. Għadd ta' settijiet ibbrejkjati ta' ċineg u l-pożizzjoni tagħhom ([22]): .....

3.4.4. *Stering għall-vetturi tal-kategorija C*

3.4.4.1. L-għoti ta' direzzjoni permezz tal-bdil tal-veloċità bejn iċ-ċineg tan-naħa tal-lemin u tan-naħa tax-xellug: iva/le/mhux applikabbli ([4])

3.4.4.2. L-għoti ta' direzzjoni permezz tal-ippernjar ta' żewġ ċineg opposti jew tal-erba' li huma: iva/le/mhux applikabbli ([4])

▼B

3.4.4.3. L-għoti ta' direzzjoni permezz tal-artikulazzjoni tal-parti ta' quddiem u ta' wara tal-vettura madwar assi vertikali ċentrali: iva/le/mhux applikabbli ([4])

3.4.4.4. L-għoti ta' direzzjoni permezz tal-artikulazzjoni tal-parti ta' quddiem u ta' wara tal-vettura madwar assi vertikali ċentrali u billi tinbidel id-direzzjoni tar-roti fuq il-fus bir-roti: iva/le/mhux applikabbli ([4])

3.4.5. Pressjoni medja tal-kuntatt mal-art (P): ..... MPa

3.5. **Xażi:**

3.5.1. Disinn ġenerali tax-xażi: .....

3.5.2. Għall-vetturi tal-kategoriji T u C, tip ta' xażi: bi travu ċentrali/xażi b'tubu ċentrali/xażi kwadru/xażi artikolat/-xażi b'elementi fil-ġenb/tip ta' xażi ieħor ([4]) (jekk inhu tip ta' xażi ieħor, jekk jogħġbok speċifika liem'hu:)

3.5.3. Għall-vetturi tal-kategoriji R u S, tip ta' xażi: bi żbarra tal-irmonk/xażi bi żbarra tal-irmonk riġida/xażi b'fus ċentrali/tip ta' xażi ieħor ([4]) (jekk inhu tip ta' xażi ieħor, jekk jogħġbok speċifika liem'hu:)

3.6. Materjal użat għall-karozzerija: .....

3.7. Pożizzjoni u arranġament tal-magna: .....

3.8. Pożizzjoni tal-istering: fuq ix-xellug/fuq il-lemin/fin-nofs ([4]): .....

3.9. Il-vettura hija mgħammra għas-sewqan fuq il-lemin jew fuq ix-xellug ([4]) u għas-sewqan f'pajjiżi li jużaw unitajiet metriċi jew unitajiet metriċi u imperjali fl-istrument li jkejjel u juri l-veloċità ([4]):

3.10. Vetturi tal-kategorija T jew C mgħammra għall-użu fil-forestrija: iva/le ([4])

3.11. Vetturi tal-kategorija T jew C mgħammra għall-protezzjoni mis-sustanzi perikoluż: iva/le ([4])

3.12. Tip ta' bbrejkjar għall-vetturi tal-kategoriji R u S: vettura mingħajr brejkijiet/ibbrejkjar bl-inerzja/ibbrejkjar kontinwu/ibbrejkjar semikontinwu/ibbrejkar b'sistema idrawlika/ibbrejkjar b'sistema pnewmatika ([4])

4. MASES U DIMENSJONIJIET

(f'kg u mm) (Irreferi għad-disinji fejn huwa applikabbli)

4.1. **Medda tal-massa (globali) tal-vettura**

4.1.1. *Il-massa tal-vettura mingħajr tagħbija*

4.1.1.1. Il-mases tal-vettura mingħajr tagħbija fi stat operattiv ([13]):

▼B

4.1.1.1.1. Massa massima: … kg ([30])

4.1.1.1.2. Massa minima: … kg ([30])

4.1.1.1.3. Tqassim ta' dawn il-mases bejn il-fusien: … kg

4.1.1.1.4. Fil-każ ta' vettura tal-kategorija R jew S bi żbarra tal-irmonk riġida jew b'fus ċentrali, indika t-tagħbija vertikali fuq il-punt tal-iggančjar (S): … kg

4.1.2. *Mases massimi kif iddikjarat mill-manifattur:*

4.1.2.1. Il-mases massimi teknikament permissibbli tal-vettura mgħobbija ([13]): … kg

4.1.2.1.1. Il-mases massimi teknikament permissibbli għal kull fus: Fus 1 … kg Fus 2 … kg Fus: … kg

▼M1

4.1.2.1.2. Fil-każ ta' vettura tal-kategorija R jew S b'fus ċentrali jew żbarra tal-irmonk riġida, indika t-tagħbija vertikali fuq il-punt ta' akkoppjament fuq quddiem (S): … kg

▼B

4.1.2.1.3. Limiti fuq it-tqassim ta' dawn il-mases bejn il-fusien (speċifika l-limiti minimi fuq il-fus ta' quddiem u fuq il-fus ta' wara f'perċentwali): … %

▼M1

4.1.2.2. Massa/mases u tajer(s)

Nru tal-kombinazzjoni tat-tajers	Nru tal-Fus	Qies tat-tajer inkl l-indiċi tal-kapaċità tat-tagħbija u s-simbolu tal-kategorija tal-veloċità	Raġġ tat-tidwir ([1]) [mm]	Klassifikazzjoni tat-Tagħbija tat-Tajer għal kull tajer [kg]	Massa massima permissibbli għal kull fus [kg] (*)	Massa massima permissibbli tal-vettura [kg] (*)	Tagħbija vertikali massima permissibbli fuq il-punt ta' akkoppjament [kg] (*) (**) (***)	Wisgħa tal-binarji [mm]	
								Minimu	Massimu
1	1	…		…	…	…	…	…	…
	2	…		…	…	…	…	…	…
	…	…		…	…	…	…	…	…
2	1	…		…	…	…	…	…	…
	2	…		…	…	…	…	…	…
	…	…		…	…	…	…	…	…
…	1	…		…	…	…	…	…	…
	2	…		…	…	…	…	…	…
	…	…		…	…	…	…	…	…

(*) Skont l-ispeċifikazzjoni tat-tajer.

(**) It-tagħbija trażmessa fiċ-ċentru ta' referenza tal-akkoppjament f'kundizzjonijiet statiċi, ikun xi jkun l-apparat ta' akkoppjament; jekk it-tagħbija vertikali massima permissibbli fuq il-punt ta' akkoppjament skont l-akkoppjament tkun indikata f'din it-tabella, espandi t-tabella fin-naħa tal-lemin u indika l-identifikazzjoni tal-apparat ta' akkoppjament fl-intestatura tal-kolonna; għal vetturi tal-kategorija R jew S, din il-kolonna (jew kolonni) tikkonċerna l-mekkaniżmi tat-tqabbid ta' wara jekk hemm mekkaniżmu bħal dan.

(***) Il-valur irid jiġi pprovdut biss jekk it-tagħbija vertikali massima permissibbli fuq il-punt ta' akkoppjament ikun inqas minn dak indikat fl-entrati 38.3 u 38.4

▼B

4.1.2.3. Mases u x-xażi armat biċ-ċineg b'kollox

Numru tas-sett ta' ċineg	Qisien taċ-ċineg		Pressjoni medja tal-kuntatt mal-art [f'kPa]	Tagħbija massima għal kull romblu taċ-ċineg [f'kg] (*)	Massa massima permissibbli għal kull sett ta' ċineg [f'kg] (*)	Massa massima permissibbli tal-vettura [f'kg] (*)	Tagħbija vertikali massima permissibbli fuq il-punt tal-iggančjar [f'kg] (*) (**)
	Tul [mm]	Wisa' [mm]					
1	…		…	…	…	…	…
2	…		…	…	…	…	…
…	…		…	…	…	…	…

(*) Skont it-tip ta' romblu taċ-ċineg.

(**) It-tagħbija mgħoddija liċ-ċentru ta' referenza tal-iggančjar f'kundizzjonijiet statiċi, irrispettivament mill-mekkaniżmu tal-iggančjar; jekk it-tagħbija vertikali massima permissibbli fuq il-punt tal-iggančjar skont l-iggančjar tingħata f'din it-tabella, żid il-kolonni fit-tabella fuq in-naħa tal-lemin u intitolahom bl-identifikazzjoni tal-mekkaniżmu tal-iggančjar.

▼M1

———————

4.1.3. Il-massa (jew mases) irmunkabbli teknikament permissibbli għal vetturi tal-kategorija T jew C għal kull xażi/konfigurazzjoni ta' brejkijiet tal-vettura tal-kategorija R jew S (għal vetturi tal-kategorija R u S, indika t-tagħbija/tagħbijiet massima/i permissibbli fuq il-punt ta' akkoppjament ta' wara):

Il-kategorija R u S vettura / Brejk	Żbarra tal-irmonk	Żbarra tal-irmonk riġida	Fus ċentrali
Mingħajr brejkijiet (*)	… kg	… kg	… kg
Bi brejkijiet bl-inerzja	… kg	… kg	… kg
Bi brejkijiet idrawliċi	… kg	… kg	… kg
Bi brejkijiet pnewmatiċi	… kg	… kg	… kg

(*) Ikkalkolati bl-użu tal-kudizzjoni ta' tagħbija parzjali definita mill-manifattur tat-trattur bi qbil mas-servizz tekniku stipulat fil-punt 3.1.1.2 tal-Anness II għar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/68.

4.1.4. Massa/mases totali teknikament permissibbli tat-taħlita trattur (vettura tal-kategorija T jew C) u vettura rmunkata (vettura tal-kategorija R jew S) għal kull xażi/konfigurazzjoni ta' brejkijiet tal-vettura tal-kategorija R jew S:

▼M1

Il-kategorija R u S vettura / Brejk	Żbarra tal-irmonk	Żbarra tal-irmonk riġida	Fus ċentrali
Mingħajr brejkijiet	… kg	… kg	… kg
Bi brejkijiet bl-inerzja	… kg	… kg	… kg
Bi brejkijiet idrawliċi	… kg	… kg	… kg
Bi brejkijiet pnewmatiċi	… kg	… kg	… kg

_____

▼B

4.2. **Medda tad-dimensjonijiet (globali) tal-vettura**

4.2.1. *Għall-vetturi li mhumiex kompluti*

4.2.1.1. Tul ([31])

4.2.1.1.1. Tul massimu permissibbli tal-vettura kompluta: … mm

4.2.1.1.2. Tul minimu permissibbli tal-vettura kompluta: … mm

4.2.1.2. Wisa' ([32])

4.2.1.2.1. Wisa' massima permissibbli tal-vettura kompluta: … mm

4.2.1.2.2. Wisa' minima permissibbli tal-vettura kompluta: … mm

▼M1

4.2.1.3. Għoli (f'ordni wara xulxin) ([33])

4.2.1.3.1. Massimu … mm

4.2.1.3.2. Minimu … mm

▼B

4.2.1.4. Kemm tisporġi 'l quddiem il-vettura ([34]): … mm

4.2.1.4.1. Għall-vetturi tal-kategoriji T u C: l-angolu tal-avviċinament: … gradi

4.2.1.5. Għall-vetturi tal-kategoriji T u C: kemm tisporġi lura l-vettura ([35]): … mm

4.2.1.5.1. Għall-vetturi tal-kategoriji T u C: l-angolu tat-tluq: … gradi

4.2.1.5.2. Sporġenza minima u massima permissibbli tal-punt tal-iggančjar ([35]) ([46]): … mm

4.2.1.6. Għall-vetturi tal-kategoriji T u C: qtugħ mill-art ([36]):

▼B

4.2.1.6.1. Bejn il-fusien: … mm

4.2.1.6.2. Taħt il-fusien ta' quddiem: … mm

4.2.1.6.3. Taħt il-fusien ta' wara: … mm

4.2.1.7. Pożizzjonijiet estremi permissibbli taċ-ċentru tal-gravità tal-vettura kompluta: … mm

4.2.1.7.1. Għall-vetturi tal-kategoriji T u C, il-pożizzjonijiet estremi permissibbli taċ-ċentru tal-gravità tal-karozzerija u/jew tal-fittings tal-intern u/jew tat-tagħmir u/jew tat-tagħbija utli: … mm

4.2.2. *Għall-vetturi sħaħ jew kompluti* ([4])

4.2.2.1. Id-dimensjonijiet globali tal-vettura, inkluż l-iggančjar mekkaniku:

4.2.2.1.1. Tul għall-użu fit-triq ([31]):

4.2.2.1.1.1. Tul massimu: … mm

4.2.2.1.1.2. Tul minimu: … mm

4.2.2.1.2. Wisa' għall-użu fit-triq ([32]):

4.2.2.1.2.1. Wisa' massima: … mm

4.2.2.1.2.2. Wisa' minima: … mm

4.2.2.1.3. Għoli għall-użu fit-triq ([33]) ([47]):

4.2.2.1.3.1. Għoli massimu: … mm

4.2.2.1.3.2. Għoli minimu: … mm

4.2.2.2. Kemm tisporġi 'l quddiem il-vettura ([34]) ([48]):

4.2.2.2.1. Sporġenza massima: … mm

4.2.2.2.2. Sporġenza minima: … mm

4.2.2.3. Kemm tisporġi lura l-vettura ([35]):

4.2.2.3.1. Sporġenza massima: … mm

4.2.2.3.2. Sporġenza minima: … mm

4.2.2.4. Qtugħ mill-art ([36]):

4.2.2.4.1. Qtugħ massimu: … mm

4.2.2.4.2. Qtugħ minimu: … mm

4.2.2.5. Bażi tar-roti ([37]): … mm

4.2.2.6. Id-distanza bejn il-fusien konsekuttivi 1 u 2: … mm, bejn il-fusien konsekuttivi 2 u 3: … mm, bejn il-fusien konsekuttivi 3 u 4: … mm, eċċ.

4.2.2.7. Għall-vetturi tal-kategoriji R u S bi żbarra tal-irmonk riġida u b'fus ċentrali:

4.2.2.7.1. Id-distanza bejn il-punt tal-iggančjar u l-ewwel fus: … mm

▼B

4.2.2.7.2. Id-distanza bejn il-punt tal-iggančjar u l-aħħar fus: … mm

4.2.2.8. Il-wisa' massima u minima taċ-ċinga ta' kull fus (imkejla bejn il-pjani tas-simetrija tat-tajers singli jew doppji jew f'formazzjoni tripla li s-soltu jintużaw fuq il-vettura) (il-manifattur għandu jispeċifika dan) ([38]):

4.2.2.8.1. Wisa' massima: Fus 1 … mm Fus 2 … mm Fus … mm

4.2.2.8.2. Wisa' minima: Fus 1 … mm Fus 2 … mm Fus … mm

4.2.2.9. Il-pożizzjoni taċ-ċentru tal-gravità tal-vettura f'direzzjoni lonġitudinali, trażversali u vertikali: .....

4.2.2.9.1. Għall-vetturi tal-kategoriji T2, T4.1 u T4.3 u għall-vetturi tal-kategoriji C2, C4.1 u C4.3, l-għoli taċ-ċentru tal-gravità, imkejjel mill-art bl-użu tat-tajers li s-soltu jintużaw fuq il-vettura: … mm

4.2.2.9.1.1. Għall-vetturi tal-kategoriji T2 u C2, agħti l-proporzjon bejn il-valur mogħti fil-punt 4.2.2.9.1. u ċ-ċinga minima medja għal kull fus: Il-fus 1 … Il-fus 2 … Il-fus …

4.2.2.9.1.2. Għall-vetturi tal-kategoriji T4.1 u C4.1, agħti l-proporzjon bejn il-valur mogħti fil-punt 4.2.2.9.1. u ċ-ċinga minima medja tal-fusien kollha: .....

5. KARATTERISTIĊI ĠENERALI TAS-SISTEMA TAL-MOTOPROPULSJONI

5.1. **Veloċità massima tal-vettura**

5.1.1. *Veloċità massima 'l quddiem tal-vettura*

5.1.1.1. Veloċità massima tal-vettura skont id-disinn iddikjarata: … km/h

5.1.1.2. Veloċità massima tal-vettura skont id-disinn ikkalkulata fl-ogħla ger (agħti l-fatturi li ntużaw għall-kalkolu) ([41]): … km/h

5.1.1.3. Veloċità massima mkejla tal-vettura: … km/h ([41])

5.1.2. Veloċità massima lura tal-vettura ([54])

5.1.2.1. Veloċità massima lura tal-vettura skont id-disinn iddikjarata: … km/h

▼M1

_____

▼M3

_____

▼M1

5.6. Moviment attwali 'l quddiem tar-roti motorizzati li jikkorrispondi għal dawra sħiħa tar-rota: ..... mm

▼B

B. **INFORMAZZJONI DWAR IL-PRESTAZZJONI AMBJENTALI U DWAR IL-PRESTAZZJONI TAS-SISTEMA TA' PROPULSJONI**

▼M3

6. IL-KARATTERISTIĊI ESSENZJALI TAL-MAGNA

6.1.7. Kategorija u subkategorija tal-magna ([7]): .....

▼M3

6.2.1.	Ċiklu tal-Kombustjoni: ċiklu four stroke/ċiklu two stroke/rotatorju/oħrajn (speċifika) ([4]): .....
2.5.1. l-informazzjoni għandha tindika għal liema varjant u/jew verżjoni hija tapplika. M'għandux ikun hemm iktar minn riżultat wieħed tat-testijiet għal verżjoni waħda partikulari. Madankollu, jista' jkun hemm kombinazzjoni ta' diversi riżultati tat-testijiet għal kull verżjoni li tindika l-aġħar każ. F'dan il-każ, għandu jkun hemm nota li tgħid li għall-punti mmarkati b'asterisk (*) qed jingħataw biss ir-riżultati tal-aġħar każ;

2.6. informazzjoni ġenerali dwar is-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati tal-vetturi ttestjati, kif stabbilit fit-taqsima 2 tad-dejta mdaħħla fid-dokument tal-informazzjoni stabbilit fil-punt 5 tal-Parti B tal-Anness I ta' dan ir-Regolament;

2.7. in-numru ta' identifikazzjoni tat-tagħmir u l-parts li jinfluwenzaw b'mod sinifikanti r-riżultati tat-testijiet, u deskrizzjoni tagħhom;

2.8. identifikazzjoni tal-metodu tat-test użat;

2.8.1. id-data tal-wasla tal-oġġetti li għandhom jiġu ttestjati jew ikkalibrati, meta dan ikun fundamentali għall-validità u l-applikazzjoni tar-riżultati, u d-dati meta jitwettqu t-testijiet jew l-ikkalibrar;

2.9. il-kundizzjonijiet ambjentali li jinfluwenzaw it-test: il-pressjoni atmosferika (f'kPa); l-umdità relattiva (f'perċentwali); it-temperatura ambjentali (f'K); il-veloċità tar-riħ u u d-direzzjoni tiegħu fuq il-korsa tat-testijiet (f'kilometri fis-siegħa), eċċ.;

2.10. il-kundizzjonijiet tal-vettura li jinfluwenzaw it-test, bħall-aċċessorji installati fiha; il-mases reali; il-vultaġġ tat-test; id-daqs tat-tajers; il-pressjoni tat-tajers; eċċ.;

2.11. deskrizzjoni ddettaljata tal-karatteristiċi tal-vettura, tas-sistema, tal-komponent jew tal-unità teknika separata ttestjata li għandhom impatt rilevanti fuq ir-riżultati tat-testijiet;

2.12. meta t-testijiet jitwettqu fuq vettura, sistema, komponent jew unità teknika li tikkombina għadd tal-inqas karatteristiċi favorevoli fir-rigward tal-livell ta' prestazzjoni mitlub (l-aġħar każ), ir-rapport tat-testijiet għandu jinkludi referenza li tgħid kif il-manifattur għamel l-għażla bi qbil mas-servizz tekniku;

2.13. ir-riżultati tal-kejl speċifikati fl-atti regolatorji rilevanti u, meta jkun meħtieġ, il-limiti jew il-livelli massimi li għandhom jiġu ssodisfati, u l-unitajiet tal-kejl;

2.14. għal kull kejl imsemmi fil-punt 2.12., id-deċiżjoni rilevanti: għadda jew falla;

2.15. fejn ikun rilevanti, dikjarazzjoni li tgħid li r-riżultati jirreferu biss għall-oġġetti ttestjati jew ikkalibrati;

2.16. dikjarazzjoni ddettaljata tal-konformità mad-diversi dispożizzjonijiet li għandhom jiġu ssodisfati, jiġifieri d-dispożizzjonijiet li għalihom ma kienx meħtieġ isir kejl;

2.17. meta jkunu permessi metodi oħrajn tat-testijiet, minbarra dawk preskritti fl-atti regolatorji, ir-rapport għandu jiddeskrivi l-metodu tat-test użat. L-istess jgħodd meta jkunu jistgħu jiġu applikati dispożizzjonijiet oħrajn minflok dawk mogħtija fl-atti regolatorji;

2.18. l-awtorità tal-approvazzjoni għandha tiddeċiedi kemm għandhom jittieħdu ritratti waqt it-testijiet. Fil-każ tal-ittestjar virtwali, l-iskrinprints jew evidenza oħra xierqa jistgħu jieħdu post ir-ritratti;

▼B

2.19. Is-servizz tekniku responsabbli għat-twettiq tat-testijiet u l-ismijiet tal-persuni li jkunu qed jawtorizzaw ir-rapport tat-test, u l-funzjonijiet u l-firem jew identifikazzjoni ekwivalenti tagħhom;

2.20. Il-konklużjonijiet mislutin;

2.21. meta jkunu saru ċerti suppożizzjonijiet jew ingħataw opinjonijiet u interpretazzjonijiet, is-servizz tekniku għandu jniżżel il-bażi li fuqha ssejsu dawn l-opinjonijiet u l-interpretazzjonijiet u dawn għandhom jitniżżlu sewwa u jiġu mmarkati bħala tali fir-rapport tat-test;

2.21.1. l-informazzjoni li ġejja, fejn dan ikun meħtieġ għall-interpretazzjoni tar-riżultati tat-testijiet:

(a) id-devjazzjonijiet mill-metodu tat-test, iż-żidiet miegħu jew l-esklużjonijiet minnu, u l-informazzjoni dwar it-test speċifiku;

(b) fejn ikun rilevanti, dikjarazzjoni tal-konformità jew tan-nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti u/jew mal-ispeċifikazzjonijiet;

(c) fejn ikun applikabbli, dikjarazzjoni dwar l-istima tal-inċertezza tal-kejl; l-informazzjoni dwar l-inċertezza jeħtieġ li tingħata fir-rapporti tat-testijiet meta din tkun rilevanti għall-validità jew l-applikazzjoni tar-riżultati, meta l-manifattur jitlob dan fl-istruzzjonijiet tiegħu, jew meta l-inċertezza taffettwa l-konformità ma' limitu tal-ispeċifikazzjonijiet;

(d) l-opinjonijiet u l-interpretazzjonijiet, f'konformità mal-punt 2.21.2., fejn dan ikun xieraq u meħtieġ;

(e) kull informazzjoni addizzjonali;

2.21.2. L-opinjonijiet u l-interpretazzjonijiet inklużi f'rapport tat-test jistgħu jinkludu dan li ġej, iżda mhux bil-fors ikunu limitati għalihom biss:

(a) opinjoni dwar id-dikjarazzjoni tal-konformità jew tan-nuqqas ta' konformità tar-riżultati mar-rekwiżiti;

(b) rakkomandazzjonijiet dwar kif għandhom jintużaw ir-riżultati;

(c) gwida li għandha tintuża biex ikun hemm titjib;

(d) f'każ li l-opinjonijiet u l-interpretazzjonijiet jingħataw waqt djalogu dirett mal-manifattur, dan id-djalogu għandu jinkiteb.

3. **Dispożizzjonijiet speċjali**

3.1. F'dak li għandu x'jaqsam mar-rekwiżiti tekniċi stabbiliti fl-atti delegati adottati skont ir-Regolament (UE) Nru 167/2013 u bbażati fuq:

(a) ir-Regolamenti tan-NU/KEE, pereżempju r-Regolament Nru 13 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) dwar dispożizzjonijiet uniformi rigward l-approvazzjoni ta' vetturi tal-kategoriji M, N u O fir-rigward tal-ibbrejkjar (ĠU L 257, 30.9.2010, p. 1),

▼B

(b) il-Kodiċijiet standard tal-OECD għall-ittestjar uffiċjali tal-istrutturi ta' protezzjoni mmuntati fuq it-tratturi għall-agrikoltura u għall-forestrija, pereżempju l-Kodiċi 7 tal-OECD għall-ittestjar uffiċjali tal-istrutturi ta' protezzjoni kontra l-qlib immuntati fuq in-naħa ta' wara tat-tratturi għall-agrikoltura u għall-forestrija bir-roti u b'ċineg dojoq, jew

(c) l-istandards tal-EN jew tal-ISO, pereżempju l-istandard EN 15695-1 dwar il-klassifikazzjoni, ir-rekwiżiti u l-proċeduri tat-testijiet għall-kabina għall-protezzjoni tas-sewwieq mis-sustanzi perikoluži,

ir-rapporti tat-testijiet għandhom jinkludu l-istess informazzjoni teknika bħall-mudelli tar-rapporti tat-testijiet stabbiliti fir-Regolament tan-NU/KEE, fil-Kodiċi tal-OECD u fl-istandard tal-EN jew tal-ISO rilevanti, u din l-informazzjoni għandha tingħata fl-istess ordni bħal dik mogħtija f'dawn il-mudelli.

3.2. ►M3 Ir-rapporti tat-testijiet maħruġin skont id-Direttiva 2003/37/KE, ir-Regolament (UE) 2016/1628, ir-Regolament (KE) Nru 595/2009, id-Direttiva 2007/46/KE jew ir-regolamenti internazzjonali msemmija fil-Kapitolu XIII tar-Regolament (UE) Nru 167/2013 u skont l-atti delegati u ta' implimentazzjoni adottati skont dak ir-Regolament għandhom jiġu aċċettati għall-għanijiet tal-approvazzjoni tat-tip fil-kuntest tar-Regolament (UE) Nru 167/2013 għall-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati li ġejjin bil-kundizzjonijiet mogħtija fit-Tabella 8-1: ◄

It-Tabella 8-1

Rapporti tat-testijiet tal-komponenti u tal-unitajiet tekniċi separati li jistgħu jitressqu meta wieħed ikun qed japplika għal approvazzjonijiet tat-tip skont ir-Regolament (UE) Nru 167/2013

Komponent jew UTS	Kundizzjonijiet ta' aċċettazzjoni
▼M3	
Komponent/STU: magna/familja ta' magni	Rapport tat-test maħruġ skont id-Direttiva 2000/25/KE kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2014/43/UE; Rapport tat-test maħruġ skont ir-Regolament (UE) 2016/1628; kif ukoll Rapport tat-test maħruġ skont ir-Regolament (KE) Nru 595/2009
Komponent/STU: kompatibilità elettromanjetika tas-subassemblaġġi elettriċi / elettroniċi	Rapport tat-test maħruġ skont id-Direttiva 2009/64/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1], safejn it-tagħmir tat-test ġie aġġornat b'rabta ma': — L-emissjonijiet elettromanjetiċi ta' banda wiesgħa jew dejqa emessi mill-vetturi — L-emissjonijiet elettromanjetiċi ta' banda wiesgħa jew dejqa li joħorġu mis-subassemblaġġi elettroniċi It-tagħmir tal-kejl u l-post fejn isir it-test għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti tas-sensiela tal-pubblikazzjoni Nru 16-1 tal-Kumitat Speċjali Internazzjonali dwar l-Interferenza tar-Radju (CISPR): — L-emissjonijiet elettromanjetiċi ta' banda wiesgħa jew dejqa emessi mill-vetturi — L-antenna tista' tiġi kkalibrata skont il-metodu deskritt fl-Anness C tas-6 Edizzjoni tal-pubblikazzjoni Nru 12 tas-CISPR, u Rapport tat-test maħruġ skont ir-Regolament Nru 10 tan-NU/KEE, ir-04 serje ta' emendi, Rettifika 1 għar-Reviżjoni 4, supplement 1 għar-04 serja ta' emendi (ĠU L 254, 20.9.2012, p. 1).
▼B	
Komponent jew UTS: il-mases tas-saborra	Rapport tat-test maħruġ skont id-Direttiva 2009/63/KE [2]

▼B

Komponent jew UTS	Kundizzjonijiet ta' aċċettazzjoni
Komponent jew UTS: l-istruttura ta' protezzjoni laterali u/jew l-istruttura ta' protezzjoni fuq wara	Rapport tat-test maħruġ skont id-Direttiva 89/297/KEE ([3]) (għall-vetturi tal-kategoriji O3 u O4), Rapport tat-test maħruġ skont is-serje ta' emendi numru 01 tar-Regolament Nru 73 tan-NU/KEE (għall-vetturi tal-kategoriji O3 u O4) (ĠU L 122, 8.5.2012, p. 1), u Rapport tat-test maħruġ skont id-Direttiva 70/221/KEE ([4]) kif emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/20/KE ([5]) (għall-vetturi tal-kategorija O).
Komponent jew UTS: l-iggančjar mekkaniku	Rapport tat-test maħruġ skont id-Direttiva 2009/144/KE ([6]): — Metodu ta' ttestjar dinamiku jew statiku aċċettat biss għall-vetturi b'indiċi tal-veloċità "a", jiġifieri b'veloċità massima skont id-disinn li ma taqbiżx l-40 kilometru fis-siegħa. — Metodu ta' ttestjar dinamiku aċċettat biss għall-vetturi b'indiċi tal-veloċità "b",: b'veloċità massima skont id-disinn li ma taqbiżx l-40 kilometru fis-siegħa.
UTS: l-istruttura ta' protezzjoni kontra l-qlib (ROPS) (ittestjar dinamiku)	Rapport tat-test maħruġ skont l-Edizzjoni 2012 tal-Kodiċi 3 tal-OECD ta' Frar tal-2012, li huwa l-Kodiċi standard tal-OECD għall-ittestjar uffiċjali tal-istrutturi ta' protezzjoni mmuntati fuq it-tratturi għall-agrikoltura u għall-forestrija (l-ittestjar dinamiku)
UTS: l-istruttura ta' protezzjoni kontra l-qlib (ROPS) (tratturi biċ-ċineg)	Rapporti tat-testijiet maħruġin skont l-Edizzjoni 2012 tal-Kodiċi 8 tal-OECD ta' Frar tal-2012, li huwa l-Kodiċi standard tal-OECD għall-ittestjar uffiċjali tal-istrutturi ta' protezzjoni mmuntati fuq it-tratturi għall-agrikoltura u għall-forestrija biċ-ċineg
UTS: l-istruttura ta' protezzjoni kontra l-qlib (ROPS) (ittestjar statiku)	Rapporti tat-testijiet maħruġin skont l-Edizzjoni 2012 tal-Kodiċi 4 tal-OECD ta' Frar tal-2012, li huwa l-Kodiċi standard tal-OECD għall-ittestjar uffiċjali tal-istrutturi ta' protezzjoni mmuntati fuq it-tratturi għall-agrikoltura u għall-forestrija (l-ittestjar statiku)
UTS: l-istruttura ta' protezzjoni kontra l-qlib (ROPS) (l-istrutturi ta' protezzjoni kontra l-qlib immuntati fuq in-naħa ta' quddiem tat-tratturi b'ċineg dojoq)	Rapporti tat-testijiet konformi mal-Edizzjoni 2012 tal-Kodiċi 6 tal-OECD ta' Frar tal-2012, li huwa l-Kodiċi standard tal-OECD għall-ittestjar uffiċjali tal-istrutturi ta' protezzjoni kontra l-qlib immuntati fuq in-naħa ta' quddiem tat-tratturi għall-agrikoltura u għall-forestrija bir-roti u b'ċineg dojoq
UTS: l-istruttura ta' protezzjoni kontra l-qlib (ROPS) (l-istrutturi ta' protezzjoni kontra l-qlib immuntati fuq in-naħa ta' wara tat-tratturi b'ċineg dojoq)	Rapporti tat-testijiet konformi mal-Edizzjoni 2012 tal-Kodiċi 7 tal-OECD ta' Frar tal-2012, li huwa l-Kodiċi standard tal-OECD għall-ittestjar uffiċjali tal-istrutturi ta' protezzjoni kontra l-qlib immuntati fuq in-naħa ta' wara tat-tratturi għall-agrikoltura u għall-forestrija bir-roti u b'ċineg dojoq
UTS: l-istruttura ta' protezzjoni minn oġġetti li jaqgħu (FOPS)	Rapport tat-test maħruġ skont id-Direttiva 2009/144/KE kif emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2010/52/UE ([7]) jew skont il-Kodiċi 10 tal-OECD, li huwa l-Kodiċi standard tal-OECD għall-ittestjar uffiċjali tal-istrutturi ta' protezzjoni minn oġġetti li jaqgħu mmuntati fuq it-tratturi għall-agrikoltura u għall-forestrija — Edizzjoni 2009 ta' Frar 2009
Komponent jew UTS: is-sit tas-sewwieq	Rapport tat-test maħruġ skont id-Direttiva tal-Kunsill 78/764/KEE ([8]), kif emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/57/KE ([9])

▼B

Komponent jew UTS	Kundizzjonijiet ta' aċċettazzjoni
Komponent jew UTS: iċ-ċinturini tas-sikurezza	Rapport tat-test maħruġ skont l-ewwel suppliment għas-serje ta' emendi numru 06 tar-Regolament Nru 16 tan-NU/KEE (ĠU L 233, 9.9.2011, p. 1)
UTS: l-istruttura ta' protezzjoni minn oġġetti penetranti (l-istruttura għall-protezzjoni tal-operaturi (OPS))	Rapport tat-test maħruġ skont id-Direttiva 2009/144/KE, kif emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2010/52/UE, u Rapport tat-test maħruġ skont it-tnax-il suppliment għas-serje ta' emendi numru 00 tal-Anness 14 tar-Regolament Nru 43 tan-NU/KEE (ĠU L 230, 31.8.2010, p. 119).

(1) Id-Direttiva 2009/64/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar is-soppressjoni tal-interferenza tar-radju prodotti minn tratturi agrikoli u għall-foresterija (kompatibilità elettromanjetika) (ĠU L 216, 20.8.2009, p. 1).
(2) Id-Direttiva 2009/63/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ċerti partijiet u karatteristiċi ta' tratturi bir-roti għall-agrikoltura jew għall-forestrija (ĠU L 214, 19.8.2009, p. 23).
(3) Id-Direttiva tal-Kunsill 89/297/KEE tat-13 ta' April 1989 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li jirrelataw mal-gwardji tal-ġenb ta' ċerti vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom (ĠU L 124, 5.5.1989, p. 1).
(4) Id-Direttiva tal-Kunsill 70/221/KEE tal-20 ta' Marzu 1970 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mat-tankijiet ta' karburant likwidu u mezzi ta' protezzjoni tal-qiegħ fuq wara għal vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom (ĠU L 76, 6.4.1970, p. 23).
(5) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/20/KE tas-17 ta' Frar 2006 li temenda, għall-għanijiet tal-adattament tagħha għall-progress tekniku tagħha, id-Direttiva tal-Kunsill 70/221/KEE, dwar tankijiet tal-fjuwil u tagħmir kontra t-trikkib minn wara ta' vetturi bil-magna u t-trejlers tagħhom (ĠU L 48, 18.2.2006, p. 16).
(6) Id-Direttiva 2009/144/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar ċerti komponenti u karatteristiċi tat-tratturi bir-roti għall-agrikoltura jew għall-forestrija (ĠU L 27, 30.1.2010, p. 33).
(7) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2010/52/UE tal-11 ta' Awwissu 2010 li temenda, għall-għanijiet tal-adattament tal-provvedimenti tekniċi tagħhom id-Direttiva tal-Kunsill 76/763/KEE dwar sedili għall-passiġġieri għal tratturi bir-roti għall-agrikoltura jew għall-forestrija u d-Direttiva 2009/144/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ċerti komponenti u karatteristiċi ta' tratturi bir-roti għall-agrikoltura jew għall-forestrija (ĠU L 213, 13.8.2010, p. 37).
(8) Id-Direttiva tal-Kunsill 78/764/KEE tal-25 ta' Lulju 1978 fuq l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar is-sedil tas-sewwieq ta' tratturi għall-agrikoltura jew għall-forestrija (ĠU L 255, 18.9.1978, p. 1).
(9) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/57/KE tas-7 ta' Ġunju 1999 li tadatta għall-progress tekniku d-Direttiva tal-Kunsill 78/764/KEE dwar is-sedil tas-sewwieq fuq tratturi għall-agrikoltura jew għall-forestrija bir-roti (ĠU L 148, 15.6.1999, p. 35).

▼M1

3.3. Ir-rapporti tat-test fuq l-ibbrejkjar

Il-mudelli tar-rapporti tat-test għall-ibbrejkjar huma stabbiliti fl-Appendiċijiet 1 sa 5.

3.4. Informazzjoni addizzjonali li trid tiġi pprovduta fil-formola mudell tar-rapport tat-test għall-proċeduri alternattivi għal testijiet tat-Tip-I u tat-Tip-III għal brejkjijiet ta' vetturi rmunkati (Anness VII, Appendiċi 1 għar-Regolament (UE) 2015/68) stipulata fl-Appendiċi 1

3.4.1. In-numru tar-rapport tat-test

In-numru tar-rapport tat-test jikkonsisti f'żewġ partijiet: parti bażi u suffiss li jidentifika l-livell tal-ħarġa tar-rapport tat-test.

3.4.1.1. Il-parti bażi, li tikkonsisti f'massimu ta' 20 karattru, u suffiss, għandhom ikunu separati b'mod ċar minn xulxin bl-użu ta', eż., punt jew linja djagonali.

3.4.1.2. Il-parti bażi tan-numru tar-rapport tat-test għandha tkopri biss brejkijiet bl-istess identifikatur tal-brejk u l-istess fattur tal-brejk.

▼**M1**

3.4.2. Kodiċi tat-test

Minbarra n-numru tar-rapport tat-test, "kodiċi tat-test" li jikkonsisti sa tmien karattri (eż. ABC123) għandu jindika r-riżultati tat-test applikabbli għall-identifikaturi u l-kampjun tat-test, li huwa deskritt mid-dettalji mogħtijin fil-punt 3.7. tal-Appendiċi 1 għall-Anness VII għar-Regolament (UE) 2015/68.

▼**M3**

3.5. Rapport tat-test għall-magni

Ir-rapporti tat-test għall-magni għandhom jitfasslu skont il-format uniku tar-rapport tat-test stabbilit fl-Anness VI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/656.

▼**M1**

Appendiċi 1

Il-formola mudell tar-rapport tat-test għall-proċeduri alternattivi għal testijiet tat-Tip-I u tat-Tip-III għal brejkjijiet ta' vetturi rmunkati (Anness VII, Appendiċi 1 għar-Regolament (UE) 2015/68)

Rapport tat-Test Nru .....

Parti bażi: ID4- .....

Suffiss: .....

1. Ġenerali .....

1.1. Manifattur tal-fus (isem u indirizz): .....

1.1.1. Manifattur tal-għamla tal-fus: .....

1.2. Manifattur tal-brejk (isem u indirizz): .....

1.2.1. Identifikatur tal-brejk ID-2: .....

1.2.2. Apparat awtomatiku li jaġġusta l-brejk: integrat/mhux integrat (*)

1.3. Dokument tal-Informazzjoni tal-Manifattur:

2. Rekord tat-Test

Għal kull test trid tiġi rreġistrata d-dejta li ġejja:

2.1. Kodiċi tat-test: .....

2.2. Kampjun tat-test: (identifikazzjoni preċiża tal-varjant ittestjat marbut mad-Dokument tal-Informazzjoni tal-Manifattur.)

2.2.1. Fus

2.2.1.1. Identifikatur tal-fus: ID1- .....

2.2.1.2. Identifikazzjoni tal-fus ittestjat: .....

2.2.1.3. Tagħbija tal-fus tat-test (identifikatur tal-Fe): ID3- ..... daN

2.2.2. Brejk

2.2.2.1. Identifikatur tal-brejk: ID2- .....

2.2.2.2. Identifikazzjoni tal-brejk ittestjat: .....

2.2.2.3. Kapaċità massima ta' strowk tal-brejk (**): .....

2.2.2.4. Tul effettiv tal-kamxaft[3]: .....

2.2.2.5. Varjazzjoni materjali skont il-punt 3.8 (m) tal-Appendiċi 1 għall-Anness VII għar-Regolament (UE) 2015/68: .....

2.2.2.6. Tanbur / diska tal-brejk (*) .....

▼**M1**

2.2.2.6.1. Massa tat-test propja tad-diska / tanbur (*) .....

2.2.2.6.2. Dijametru estern nominali tad-diska (**): .....

2.2.2.6.3. Tip ta' tkessiħ tad-diska ventilata/mhux ventilata (*)

2.2.2.6.4. B'buttun integrat jew mingħajr (*)

2.2.2.6.5. Diska b'tanbur integrat – b'funzjoni ta' brejk ta' pparkjar jew mingħajr (*) (**)

2.2.2.6.6. Relazzjoni ġeometrika bejn is-superfiċji tal-frizzjoni tad-diska u l-immuntar tad-diska: .....

2.2.2.6.7. Materjal bażi: .....

2.2.2.7. Firrodu jew pedd tal-brejk (*)

2.2.2.7.1. Manifattur: .....

2.2.2.7.2. Għamla: .....

2.2.2.7.3. Tip: .....

2.2.2.7.4. Metodu ta' tqabbid tal-firrodu / pedd man-nagħla / pjanċa ta' wara tal-brejk (*): .....

2.2.2.7.5. Ħxuna tal-pjanċa ta' wara, piż tan-nagħla jew informazzjoni deskrittivi oħra (Dokument tal-Informazzjoni tal-Manifattur) (*): .....

2.2.2.7.6. Materjal bażi tan-nagħla / pjanċa ta' wara tal-brejk (*): .....

2.2.3. Apparat awtomatiku li jaġġusta l-brejk (mhux applikabbli fil-każ ta' apparat awtomatiku integrat li jaġġusta l-brejk) (*)

2.2.3.1. Manifattur (isem u indirizz): .....

2.2.3.2. Għamla: .....

2.2.3.3. Tip: .....

2.2.3.4. Verżjoni: .....

2.2.4. Rota/i (qisien ara l-Figuri 1A u 1B fid-dokument tal-informazzjoni tal-fus u l-brejk tal-vettura rmunkata fir-rigward tal-proċeduri alternattivi għal testijiet tat-Tip I u tat-Tip III)

2.2.4.1. Radju tad-dawrien tat-tajer ta' referenza (R_e) bit-tagħbija tal-fus tat-test (F_e): .....

▼**M1**

2.2.4.2. Dejta tar-rota mqabbda matul l-ittestjar:

Daqs tat-tajer	Daqs tar-rimm	X_e (mm)	D_e (mm)	E_e (mm)	G_e (mm)

2.2.5. Tul tal-liver le: .....

2.2.6. Attwatur tal-brejk

2.2.6.1. Manifattur: .....

2.2.6.2. Għamla: .....

2.2.6.3. Tip: .....

2.2.6.4. Numru ta' identifikazzjoni (tat-test): .....

2.3. Riżultati tat-test (ikkoreġuti sabiex iqisu r-reżistenza għad-dawrien ta' $0,01 \cdot F_e$ u $0,02 \cdot F_e$ rispettivament)

2.3.1. Fil-każ ta' vetturi tal-kategoriji

— R1, R2, S1

— "R3a/R4a/S2a" (***)

— "R3b/R4b/S2b" fejn is-somma tal-mases teknikament permissibbli għal kull fus ma taqbiżx l-10 000 kg (***)

Skont l-ispid massimu skont id-disinn u r-reżistenza għad-dawrien preżunta ta' 0,01 jew 0,02 fit-Tabelli A sa Ċ li ġejjin, applika:

2.3.1.1. Koeffiċjent ikkunsidrat tar-reżistenza għad-dawrien R = 0,01 (li jkopri wkoll il-vetturi rmunkati speċifikati fil-punt 2.3.1. ogħla minn spid massimu skont id-disinn li jaqbeż l-40 km/h)

Tabella A: Applikabbli għall-vetturi rmunkati kollha kif speċifikat fil-paragrafu 2.3.1 hawn fuq Tip ta' test	0	I	
L-Appendiċi 1 għall-Anness VII tar-Regolament (UE) 2015/68, punt:	3.5.1.4.	3.5.2.2. jew 3.5.2.3.	3.5.2.4.
Spid tat-test km/h	40	40	40
Pressjoni tal-attwatur tal-brejk p_e kPa		—	
Ħin ta' bbrejkjar min	—	2,55	—
Forza tal-brejk żviluppata T_e daN			
Effiċjenza tal-brejk T_e/F_e -			
Strowk tal-attwatur s_e mm		—	
Torque għat-tħaddim tal-brejk C_e Nm		—	
Soll ta' torque tal-brejk $C_{0,e}$ Nm			

▼**M1**

2.3.1.2. Koeffiċjent ikkunsidrat tar-reżistenza għad-dawrien R = 0,01 (li jkopri wkoll il-vetturi rmunkati Ra u Sa speċifikati fil-punt 2.3.1. haw fuq bi spid massimu skont id-disinn li ma jaqbiżx l-40 km/h)

Tabella B: Proċedura tat-test applikabbli għall-vetturi rmunkati kollha tal-kategoriji Ra u Sa Tip ta' test	0	I	
Anness VII, Appendiċi 2, paragrafu:	3.5.1.4.	3.5.2.2. jew 3.5.2.3.	3.5.2.4.
Spid tat-test km/h	40	40	40
Pressjoni tal-attwatur tal-brejk p_e kPa		—	
Ħin ta' bbrejkjar min	—	2,55	—
Forza tal-brejk żviluppata T_e daN			
Effiċjenza tal-brejk T_e/F_e -			
Strowk tal-attwatur s_e mm		—	
Torque għat-tħaddim tal-brejk C_e Nm		—	
Soll ta' torque tal-brejk $C_{0,e}$ Nm			

2.3.1.3. Koeffiċjent ikkunsidrat tar-reżistenza għad-dawrien R = 0,01 (li jkopri wkoll il-vetturi rmunkati Ra u Sa speċifikati fil-punt 2.3.1. haw fuq bi spid massimu skont id-disinn li ma jaqbiżx l-30 km/h)

Tabella Ċ: Proċedura alternattiva tat-test fil-każ ta' vettura rmunkata b'$v_{max} \leq 30$ km/h Tip ta' test	0	I	
L-Appendiċi 1 għall-Anness VII tar-Regolament (UE) 2015/68, punt:	3.5.1.4.	3.5.2.2. jew 3.5.2.3.	3.5.2.4.
Spid tat-test km/h	30	30	30
Pressjoni tal-attwatur tal-brejk p_e kPa		—	
Ħin ta' bbrejkjar min	—	3,90	—
Forza tal-brejk żviluppata T_e daN			
Effiċjenza tal-brejk T_e/F_e -			
Strowk tal-attwatur s_e mm		—	
Torque għat-tħaddim tal-brejk C_e Nm		—	
Soll ta' torque tal-brejk $C_{0,e}$ Nm			

2.3.2. Fil-każ ta' vetturi tal-kategoriji

— “R3a/R4a/S2a” (***)

▼**M1**

— “R3b/R4b/S2b” fejn is-somma tal-mases teknikament permissibbli għal kull fus ma taqbiżx l-10 000 kg (***)

— “R3b/R4b/S2b” fejn is-somma tal-mases teknikament permissibbli għal kull fus taqbeż l-10 000 kg

Tip ta’ test	0	III	
L-Appendiċi 1 għall-Anness VII tar-Regolament (UE) 2015/68, punt:	3.5.1.4.	3.5.3.1.	3.5.3.2.
Spid tat-test inizjali km/h	60		60
Spid tat-test finali km/h			
Pressjoni tal-attwatur tal-brejk p_e kPa		—	
Numru ta' applikazzjonijiet tal-brejk -	—	20	—
Durata taċ-ċiklu ta' bbrejkjar s	—	60	—
Forza tal-brejk żviluppata T_e daN			
Effiċjenza tal-brejk T_e/F_e -			
Strowk tal-attwatur se mm		—	
Torque għat-tħaddim tal-brejk Ce Nm		—	
Soll ta' torque tal-brejk C0,e Nm		—	

3. Medda tal-applikazzjoni

Il-medda tal-applikazzjoni tispeċifika l-varjanti tal-fus/brejk li huma koperti f'dan ir-rapport tat-test, billi jintwera liema varjabbli huma koperti mill-kodiċijiet tat-test individwali.

4. Dan it-test twettaq u r-riżultati ġew irrapportati skont l-Appendiċi 1 għall-Anness VII għar-Regolament (UE) 2015/68.

Fi tmiem it-test deskritt fil-punt 3.6. tal-Appendiċi 1 għall-Anness VII tar-Regolament (UE) 2015/68, ir-rekwiżiti tal-punt 2.2.2.8.1. tal-Anness I għar-Regolament (UE) 2015/68 tqiesu li huma ssodisfati / mhumiex issodisfati (*).

Servizz Tekniku (****)

Iffirmat: ..... Data: .....

5. Awtorità tal-Approvazzjoni (****)

Iffirmat: ..... Data: .....

(*) Ingassa dak li ma japplikax
(**) Japplika għal brejks diska biss.
(***) Fejn dawn il-vetturi ġew soġġetti għat-test tat-Tip III (qabbel il-punt 2.3.1. jew 2.3.2.+).
(****) li wettaq it-test Trid tiġi ffirmata minn persuni differenti anki meta s-Servizz Tekniku u l-Awtorità tal-Approvazzjoni jkunu l-istess jew inkella tinħareġ awtorizzazzjoni separata mar-rapport mill-Awtorità tal-Approvazzjoni.

▼**M1**

Appendiċi 2

Formola mudell tar-rapport tat-test għal apparat awtomatiku alternattiv li jaġġusta l-brejk kif stipulat fil-punt 3.7.5. tal-Appendiċi 1 għall-Anness VII għar-Regolament (UE) 2015/68

Rapport tat-test Nru .....

1. Identifikazzjoni

1.1. Fus:

Għamla: .....

Tip: .....

Mudell: .....

Tagħbija tal-fus tat-test (identifikatur tal-F_e): ID3- ..... daN

Rapport tat-Test Nru għall-proċeduri alternattivi għal testijiet tat-Tip-I u tat-Tip-III għal brejkjijiet ta' vetturi rmunkati (Anness VII, Appendiċi I għar-Regolament (UE) 2015/68) .....

1.2. Brejk:

Għamla: .....

Tip: .....

Mudell: .....

Firrodu tal-brejk: .....

Għamla/Tip: .....

1.3. Attwazzjoni: .....

Manifattur: .....

Tip (ċilindru/dijaframma) (*): .....

Mudell: .....

Tul tal-liver (l): .....mm

1.4. Apparat awtomatiku li jaġġusta l-brejk:

Manifattur (isem u indirizz): .....

Għamla: .....

Tip: .....

Verżjoni: .....

▼**M1**

2. Rekord tar-riżultati tat-test

2.1. Prestazzjoni tal-apparat awtomatiku li jaġġusta l-brejk

2.1.1. Prestazzjoni taħraq tas-sistemi ta' bbrejkjar tas-servizz stabbilita skont it-test definit fil-punt 3.6.2.1. (a) tal-Appendiċi 1 għall-Anness VII tar-Regolament (UE) 2015/68: ..... fil-mija

jew

Strowk tal-attwatur s_A stabbilit skont it-test definit fil-punt 3.6.2.1. (b) tal-Appendiċi 1 għall-Anness VII tar-Regolament (UE) 2015/68: ..... mm

2.1.2. Tħaddim mhux ingranat skont il-punt 3.6.3 tal-Appendiċi 1 għall-Anness VII tar-Regolament (UE) 2015/68: iva / le (*)

3. Isem is-Servizz Tekniku/Awtorità tal-Approvazzjoni tat-Tip (*)li wettqu t-test: .....

4. Data tat-test: .....

5. Dan it-test twettaq u r-riżultati ġew irrapportati skont il-paragrafu 3.6.2. tal-Appendiċi 1 għall-Anness VII għar-Regolament (UE) 2015/68

6. Fi tmiem it-test imsemmi fil-punt 5, ir-rekwiżiti tal-punt 2.2.2.8.1. tal-Anness I għar-Regolament (UE) 2015/68 tqiesu li: Huma ssodisfati / Mhumiex issodisfati (*)

7. Servizz Tekniku (**)li wettaq it-test

Iffirmat: ..... Data: .....

8. Awtorità tal-Approvazzjoni (**)

Iffirmat: ..... Data: .....

(*) Ingassa dak li ma japplikax

(**) Trid tiġi ffirmata minn persuni differenti anki meta s-Servizz Tekniku u l-Awtorità tal-Approvazzjoni jkunu l-istess jew inkella tinħareġ awtorizzazzjoni separata mar-rapport mill-Awtorità tal-Approvazzjoni.

▼**M1**

Appendiċi 3

Rapport tat-test dwar l-apparat li jikkontrolla s-sistema ta' bbrejkjar bl-inerzja

1. Manifattur .....

2. Għamla

3. Tip

4. Karatteristiċi tal-vetturi rmunkati li għalihom l-apparat ta' kontroll maħsub mill-manifattur:

4.1. massa G'_A = kg

4.2. forza vertikali statika permissibbli f'ras l-apparat tal-irmunkar ..... N

4.3. vettura rmunkata bi żbarra tal-irmonk riġida/vettura rmunkata b'bosta fusien bi żbarra tal-irmonk impernjata (*)

5. Deskrizzjoni qasira

(Lista ta' pjanijiet mehmużin u t-tpinġijiet dimensjonati)

6. Dijagramma li turi l-prinċipju ta' kontroll

7. S tal-kors = ... mm

8. Proporzjon ta' tnaqqis tal-apparat ta' kontroll:

8.1. b'apparat tat-trażmissjoni mekkanika (*)

i_{Ho} = minn ..... to..... (**)

8.2. b'apparat tat-trażmissjoni idrawlika (*)

i_h = minn ..... to..... (**)

F_{HZ} (**) = ... cm

Kors taċ-ċilindru ewlieni s_{Hz} ..... mm

Kors ta' riżerva taċ-ċilindru ewlieni s''_{Hz} ..... mm

9. Riżultati tat-test: .....

9.1. Effiċjenza

b'apparat tat-trażmissjoni mekkanika (*) η_H = ...

b'apparat tat-trażmissjoni idrawlika (*) η_H = ...

9.2. Forza supplimentari K = ... N

9.3. Forza kumpressiva massima D_1 = ... N

▼**M1**

9.4. Forza trattiva massima D_2 = ... N

9.5. Limitu ta' forza K_A = ... N

9.6. Telf ta' kors u kors ta' riżerva:.....

fejn il-pożizzjoni tal-apparat tat-tpinġija jkollha effett s_o (*) = mm.....

b'apparat tat-trażmissjoni idrawlika s'' (*) = $s''_{Hz} \cdot i_h$ = ... mm

9.7. Kors (siewi) effettiv ta' kontroll s' = ... mm

9.8. Limitatur ta' tagħbija eċċessiva skont il-punt 3.6. tal-Anness VIII tar-Regolament (UE) 2015/68 huwa pprovdut/mhuwiex ipprovdut (*)

9.8.1. Jekk jitqabbad limitatur ta' tagħbija eċċessiva qabel il-liver tat-trażmissjoni tal-apparat ta' kontroll

9.8.1.1. Forza ta' limitu tal-limitatur ta' tagħbija eċċessiva D_{op} = ... N

9.8.1.2. Fejn il-limitatur ta' tagħbija eċċessiva jkun mekkaniku (*) il-forza mass. li jista' jiżviluppa l-apparat ta' kontroll tal-inerzja

$P'_{max}/i_{Ho} = P_{op_max}$ = ... N

9.8.1.3. Fejn il-limitatur ta' tagħbija eċċessiva jkun idrawliku (*) il-pressjoni li jista' jiżviluppa l-apparat ta' kontroll tal-inerzja

$p'_{max}/i_h = p_{op_max}$ = N/cm^2

9.8.2. Jekk jitqabbad limitatur ta' tagħbija eċċessiva wara l-liver tat-trażmissjoni tal-apparat ta' kontroll

9.8.2.1. Forza ta' limitu fuq il-limitatur ta' tagħbija eċċessivafejn il-limitatur ta' tagħbija eċċessiva jkun mekkaniku (*)..... $D_{op}.i_{Ho}$ = N

fejn il-limitatur ta' tagħbija eċċessiva jkun idrawliku (*) $D_{op}.i_h$ = .. N

9.8.2.2. Fejn il-limitatur ta' tagħbija eċċessiva jkun mekkaniku (*)

il-forza mass. li jista' jiżviluppa l-apparat ta' kontroll tal-inerzja

$P'_{max} = P_{op_max}$ = ... N

9.8.2.3. Fejn il-limitatur ta' tagħbija eċċessiva jkun idrawliku (*)

il-pressjoni li jista' jiżviluppa l-apparat ta' kontroll tal-inerzja

$p'_{max} = p_{op_max}$ = ... N/cm^2

▼**M1**

10. L-apparat ta' kontroll deskritt hawn fuq jikkonforma/ma jikkonformax (*) mar-rekwiżiti tal-punti 3, 4 u 5 tal-Anness VIII tar-Regolament (UE) 2015/68.

Iffirmat: ..... Data: .....

11. Dan it-test twettaq u r-riżultati ġew irrapportati skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Anness VIII għar-Regolament (UE) 2015/68.

Servizz Tekniku (***) li wettaq it-test

Iffirmat: ..... Data: .....

12. Awtorità tal-Approvazzjoni (***)

Iffirmat: ..... Data: .....

(*) Ingassa dak li ma japplikax
(**) Iddikjara t-tul li ntuża l-proporzjon tagħhom sabiex jiġu stabbiliti i_{Ho} jew i_h.
(***) Trid tiġi ffirmata minn persuni differenti anki meta s-Servizz Tekniku u l-Awtorità tal-Approvazzjoni jkunu l-istess jew inkella tinħareġ awtorizzazzjoni separata mar-rapport mill-Awtorità tal-Approvazzjoni.

▼**M1**

Appendiċi 4

Ir-rapport tat-test fuq il-brejk

1. Manifattur .....

2. Għamla .....

3. Tip .....

4. "Massa massima" permissibbli għal kull rota G_{Bo} = ... kg

5. Torque tal-ibbrejkjar M* (kif speċifikat mill-manifattur skont il-punt 2.2.23. tal-Anness VIII tar-Regolament (UE) 2015/68) = ... Nm

6. Radju tad-dawrien dinamiku tat-tajer

R_{min} = ... m; R_{max} = ... m

7. Deskrizzjoni qasira

(Lista ta' pjanijiet u tpinġijiet dimensjonati)

8. Dijagramma li turi l-prinċipju tal-brejk

9. Riżultat tat-test:

brejk mekkaniku (*)		*brejk idrawliku* (*)	
9.1.	Proporzjon tat-tnaqqis i_g =..... (**) (***)	9.1.A.	Proporzjon tat-tnaqqis i'_g =..... (***)
9.2.	Refgħa (kors tal-applikazzjoni) s_B = ... mm	9.2.A.	Refgħa (kors tal-applikazzjoni) s_B = ... m
9.3.	Refgħa stipulata (kors tal-applikazzjoni stipulata) s_{B*} = ... mm	9.3.A.	Refgħa stipulata (kors tal-applikazzjoni stipulata) s_{B*} = ... mm
9.4.	Forza ta' rtirar P_o = ... N	9.4.A.	Pressjoni ta' rtirar p_o= ..... N/cm^2
9.5.	Koeffiċjent (karatteristiku) ρ = ... m	9.5.A.	Koeffiċjent (karatteristiku) ρ" = ... m
9.6	Limitatur ta' tagħbija eċċessiva skont il-punt 3.6. tal-Anness VIII tar-Regolament (UE) 2015/68 huwa/mhuwiex ipprovdut[4]	9.6.A.	Limitatur ta' tagħbija eċċessiva skont il-paragrafu 3.6. tal-Anness VIII tar-Regolament (UE) 2015/68 huwa/mhuwiex ipprovdut[4]
9.6.1.	Torque tal-brejk li jattiva l-limitatur ta' tagħbija eċċessiva M_{op} = ... Nm	9.6.1.A.	Torque tal-brejk li jattiva l-limitatur ta' tagħbija eċċessiva M_{op} = ... Nm
9.7.	Forza għal M* P* = ... N	9.7.A.	Pressjoni għal M* p* = ... N/cm^2

▼**M1**

9.8.A. Erja tas-superfiċje taċ-ċilindru tar-rota

F_{RZ} = ... cm^2

9.9.A. (għal brejkijiet diska)

Assorbiment tal-volum tal-fluwidu

V_{60} = ... cm^3

9.10. Prestazzjoni tal-brejk tas-servizz meta l-vettura rmunkata timxi lura (ara l-figuri 6 u 7 tal-Appendiċi 1 għall-Anness VIII tar-Regolament (UE) 2015/68)

9.10.1. Torque tal-ibbrejkjar massimu Fig 6 M_r = ... Nm

9.10.1.A Torque tal-ibbrejkjar massimu Fig 7 M_r = ... Nm

9.10.2. Kors massimu permissibbli s_r = ... mm

9.10.2.A Volum tal-fluwidu massimu permissibbli assorbit V_r = ... cm^3

9.11. Karatteristiċi ulterjuri tal-brejk meta l-vettura rmunkata timxi lura (ara l-figuri 6 u 7 tal-Appendiċi 1 għall-Anness VIII tar-Regolament (UE) 2015/68)

9.11.1. Forza tal-irtirar tal-brejk P_{or} = ... N

9.11.1.A Pressjoni tal-irtirar tal-brejk p_{or} = ... N/cm^2

9.11.2. Karatteristika tal-brejk r_r = ... m

9.11.2.A Karatteristika tal-brejk r''_r = ... m

9.12. Testijiet skont il-punt 7.5. tal-Anness VIII tar-Regolament (UE) 2015/68, jekk applikabbli (ikkoreġuti sabiex iqisu r-reżistenza għad-dawrien li tikkorrispondi għal $0,01 \cdot g \cdot G_{Bo}$)

9.12.1. Test tal-brejk Tip-0

Spid tat-test = ... km/h

Proporzjon tal-ibbrejkjar = ...%

Forza tal-kontroll = ... N

9.12.2. Test tal-brejk Tip-I

Spid tat-test = ...km/h

Proporzjon tal-ibbrejkjar sostnut = ... %

Ħin ta' bbrejkjar = ... minuti

Prestazzjoni taħraq = ... %

(espressa bħala perċentwal tar-riżultat tat-test tat-Tip-0 ta' hawn fuq fil-punt 9.12.1.)

Forza tal-kontroll = ... N

▼**M1**

10. Il-brejk ta' hawn fuq jikkonforma / ma jikkonformax mar-rekwiżiti tal-paragrafi 3 u 6 tal-kundizzjonijiet tat-test għal vetturi mgħammrin b'sistemi ta' bbrejkjar bl-inerzja deskritti fl-Anness VIII tar-Regolament (UE) 2015/68.

    Il-brejk jista' / ma jistax (*) jintuża għal sistema ta' bbrejkjar bl-inerzja mingħajr limitatur ta' tagħbija eċċessiva.

    Data:..... Firma:.....

11. Dan it-test twettaq u r-riżultati ġew irrapportati skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Anness VIII għar-Regolament (UE) 2015/68.

    Servizz Tekniku (****) li wettaq it-test

    Data: ..... Firma: .....

12. Awtorità tal-Approvazzjoni (****)

    Data: ..... Firma: .....

(*) Ingassa dak li ma japplikax
(**) Iddikjara t-tul użat sabiex jiġu stabbiliti i_g jew i'_g
(***) Iddikjara t-tul li ntuża l-proporzjon tagħhom sabiex jiġu stabbiliti iHo jew ih.
(****) Trid tiġi ffirmata minn persuni differenti anki meta s-Servizz Tekniku u l-Awtorità tal-Approvazzjoni jkunu l-istess jew inkella tinħareġ awtorizzazzjoni separata mar-rapport mill-Awtorità tal-Approvazzjoni.

▼**M1**

Appendiċi 5

Ir-rapport tat-test dwar il-kompatibbiltà tal-apparat ta' kontroll tal-brejkijiet bl-inerzja, it-trażmissjoni u l-brejkijiet fuq il-vettura rmunkata

1. Apparat ta' kontroll .....

deskritt fir-rapport tat-test mehmuż (ara r-rapport tat-test dwar l-apparat li jikkontrolla s-sistema ta' bbrejkjar bl-inerzja)

Proporzjon tat-tnaqqis magħżul:

i_{Ho} (*) =..... (**) jew i_h (*) =..... (**)

2. Brejkijiet deskritti fir-rapport tat-test mehmuż

3. Apparati ta' trażmissjoni fuq il-vettura rmunkata

3.1. Deskrizzjoni qasira bid-dijagramma li turi l-prinċipju

3.2. Proporzjon tat-tnaqqis u l-effiċjenza tal-apparat ta' trażmissjoni mekkanika fuq il-vettura rmunkata

i_{H1} (*) =..... (**)

η_{H1} (*) = ...

4. Vettura rmunkata

4.1. Manifattur

4.2. Għamla .....

4.3. Tip .....

4.4. Tip ta' konnessjoni tal-iżbarra riġida: vettura rmunkata bi żbarra tal-irmonk riġida/vettura rmunkata b'bosta fusien bi żbarra tal-irmonk impernjata (*)

4.5. Numru ta' brejkijiet n =

4.6. Massa massima teknikament permessa G_A = kg

4.7. Radju tad-dawrien dinamiku tat-tajer R* = m

4.8. Forza propulsiva permissibbli fuq l-akkoppjament

D* = 0,10 g G_A (*) = N

jew

D* = 0,067 g G_A (*) = N

4.9. Forza ta' bbrejkjar meħtieġa B* = 0,50 g G_A = N

4.10. Forza tal-brejk B = 0,49 g G_A = N

▼**M1**

5. Kompatibbiltà - Riżultati tat-test

5.1. Limitu ta' forza $100 \cdot K_A/(g \cdot G_A)$ =

5.2. $100 \cdot D_1/(g \cdot G_A)$ =

5.3. $100 \cdot D_2/(g \cdot G_A)$ = ...

5.4. G'A = ... kg

5.5. $G_B = n \cdot G_{Bo}$ = ... kg

5.6. Torque tal-ibbrejkjar tal-brejkijiet $n \cdot M^* /(B \cdot R)$ = ...

5.6.1. Limitatur ta' tagħbija eċċessiva skont it-tifsira tal-punt 3.6. tal-Anness VIII tar-Regolament (UE) 2015/68 huwa / mhuwiex (*) imqabbad fuq l-apparat ta' kontroll bl-inerzja / fuq il-brejkijiet (*)

5.6.1.1 fejn il-limitatur ta' tagħbija eċċessiva jkun mekkaniku fuq l-apparat ta' kontroll bl-inerzja (*)

$n \cdot P^* /(iH1 \cdot \eta H1 \cdot P'max)$= .....

5.6.1.2 fejn il-limitatur ta' tagħbija eċċessiva jkun idrawliku fuq l-apparat ta' kontroll bl-inerzja (*)

p* / p'max = ...

5.6.1.3 jekk il-limitatur ta' tagħbija eċċessiva fuq l-apparat ta' kontroll bl-inerzja:

forza ta' limitu Dop/D* = ...

5.6.1.4 jekk il-limitatur ta' tagħbija eċċessiva huwa mqabbad fuq il-brejk:

soll ta' torque $n \cdot Mop/(B \cdot R)$ = ...

5.7. Sistema ta' bbrejkjar bl-inerzja b'apparat tat-trażmissjoni mekkanika (*)

5.7.1. $iH = iHo \cdot iH1$ = ...

5.7.2. $\eta H = \eta Ho \cdot \eta H1$ = ...

5.7.3. $\left[\frac{B \cdot R}{\rho} + n.\ P_o\right] \cdot \frac{1}{(D^* - K\ .\eta_H)}$ = ...

5.7.4. $\frac{s'}{s_B{}^* \cdot i_g}$ = ...

5.7.5. Proporzjon s'/iH = ...

meta l-vettura rmunkata timxi lura

5.7.6. Għat-torque tal-ibbrejkjar meta l-vettura rmunkata timxi lura inkluża reżistenza għad-dawrien

$0{,}08 \cdot g \cdot G_A \cdot R$ = ... Nm

5.8. Sistema ta' bbrejkjar bl-inerzja b'apparat tat-trażmissjoni idrawlika (*)

▼**M1**

5.8.1. ih/FHZ = ...

5.8.2. $\left[\frac{B \cdot R}{n \cdot \rho'} + p_o\right] \cdot \frac{1}{(D^* - K \cdot \eta_H)}$ = ...

5.8.3. $\frac{s'}{2s_{B*} \cdot n \cdot F_{RZ} \cdot i_{g'}}$ = ...

5.8.4. s/ih = ...

5.8.5. Proporzjon s'/FHZ = ...

meta l-vettura rmunkata timxi lura

5.8.6. Għat-torque tal-ibbrejkjar meta l-vettura rmunkata timxi lura inkluża reżistenza għad-dawrien

$0{,}08 \cdot g \cdot G_A \cdot R$ = ... Nm

6. Kors differenzjali fil-kompensatur tal-brejk tal-ipparkjar

6.1.1. Kors tal-kumpensatur permissibbli massimu (quddiem) scf = ... mm

6.1.2. Kors tal-kumpensatur permissibbli massimu (lura) scr = ... mm

6.1.3. Kors differenzjali permissibbli massimu scd = ... mm

7. Is-sistema ta' bbrejkjar bl-inerzja deskritta hawn fuq tikkonforma/ma tikkonformax (*) mar-rekwiżiti tal-punti 3 sa 10 tal-Anness VIII tar-Regolament (UE) 2015/68.

Firma: ..... Data: .....

8. Dan it-test twettaq u r-riżultati ġew irrapportati skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Anness VIII għar-Regolament (UE) 2015/68.

Servizz Tekniku (***) li wettaq it-test

Firma: ..... Data: .....

(*) Ingassa dak li ma japplikax

(**) Iddikjara t-tul użat sabiex jiġu stabbiliti i_g jew i'_g

(***) Trid tiġi ffirmata minn persuni differenti anki meta s-Servizz Tekniku u l-Awtorità tal-Approvazzjoni jkunu l-istess jew inkella tinħareġ awtorizzazzjoni separata mar-rapport mill-Awtorità tal-Approvazzjoni.

▼B

ANNESS IX

Lista ta' tagħmir jew parts li jistgħu joħolqu riskju serju għall-funzjonament tajjeb tas-sistemi essenzjali

Tabella 9-1

I. **Tagħmir jew parts li għandhom impatt sinifikanti fuq is-sikurezza tal-kostruzzjoni tal-vettura u/jew fuq is-sikurezza funzjonali tagħha u/jew fuq il-prestazzjoni tal-brejkijiet tagħha**

Numru tal-oġġett	Deskrizzjoni tal-oġġett	Rekwiżit tal-prestazzjoni	Proċedura tat-test	Rekwiżit tal-immarkar	Rekwiżiti tal-imballaġġ
001	[…]				
002					
003					

Tabella 9-2

II. **Tagħmir jew parts li għandhom impatt sinifikanti fuq il-prestazzjoni ambjentali tal-vettura**

Numru tal-oġġett	Deskrizzjoni tal-oġġett	Rekwiżit tal-prestazzjoni	Proċedura tat-test	Rekwiżit tal-immarkar	Rekwiżiti tal-imballaġġ
001	[…]				
002					
003					

▼B

ANNESS X

Mudell taċ-ċertifikat għat-tqegħid fis-suq u d-dħul fis-servizz ta' tagħmir jew parts li jistgħu joħolqu riskju serju għall-funzjonament tajjeb tas-sistemi essenzjali

1. **Rekwiżiti ġenerali**

1.1. It-tqegħid fis-suq ta' tagħmir jew parts li jistgħu joħolqu riskju serju għall-funzjonament tajjeb tas-sistemi li huma essenzjali għas-sikurezza tal-vettura jew għall-prestazzjoni ambjentali tagħha għandu jiġi awtorizzat skont l-Artikolu 46(3) tar-Regolament (UE) Nru 167/2013.

1.2. Din l-awtorizzazzjoni għandha tinħareġ fil-forma ta' ċertifikat, li l-mudell tiegħu jinsab fl-Appendiċi 1.

1.3. Iċ-ċertifikat imsemmi fil-punt 1.2. għandu jinkludi preskrizzjonijiet għas-sikurezza tal-kostruzzjoni, għas-sikurezza funzjonali u għall-prestazzjoni tal-brejkijiet, kif ukoll għall-ħarsien ambjentali u, fejn ikun meħtieġ, għall-istandards tat-testijiet. Dawn jistgħu jiġu bbażati fuq ir-Regolamenti ta' Delega tal-Kummissjoni mniżżlin fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 167/2013, jistgħu jiġu żviluppati skont l-istat rilevanti tat-teknoloġija fil-qasam tas-sikurezza, tal-ħarsien ambjentali u tal-ittestjar, jew, jekk dan ikun metodu xieraq biex jinkisbu l-għanijiet ambjentali jew tas-sikurezza meħtieġa, jistgħu jikkonsistu minn tqabbil tal-part jew tat-tagħmir mal-prestazzjoni ambjentali jew tas-sikurezza tal-vettura oriġinali, jew ta' kwalunkwe part minn tagħha, hekk kif ikun xieraq.

1.4. Dan l-Anness m'għandux japplika għal part jew tagħmir qabel ma dawn jitniżżlu fl-Anness IX. Għal kull dejta mdaħħla fl-Anness IX jew grupp ta' dejta mdaħħal fih, għandu jiġi stabbilit perjodu trażitorju raġonevoli sabiex il-manifattur tal-part jew tat-tagħmir ikun jista' japplika għal awtorizzazzjoni u jiksibha. Fl-istess ħin tista' tiġi stabbilita data, fejn dan ikun xieraq, sabiex il-parts u t-tagħmir maħsubin għal vetturi li tkun inħarġitilhom approvazzjoni tat-tip qabel dik id-data jiġu esklużi mill-applikazzjoni ta' dan l-Anness.

▼B

Appendiċi 1

Mudell taċ-ċertifikat tal-awtorizzazzjoni tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE għat-tqegħid fis-suq u d-dħul fis-servizz ta' tagħmir jew parts li jistgħu joħolqu riskju serju għall-funzjonament tajjeb tas-sistemi essenzjali

ĊERTIFIKAT TA' AWTORIZZAZZJONI TAL-UE

MUDELL

Format: A4 (210 b'297 mm)

ĊERTIFIKAT TA' AWTORIZZAZZJONI TAL-UE

Timbru tal-awtorità tal-approvazzjoni

Komunikazzjoni dwar:

— iċ-ċertifikat ta' awtorizzazzjoni ([1])
— l-estensjoni taċ-ċertifikat ta' awtorizzazzjoni ([1])
— iċ-ċaħda taċ-ċertifikat ta' awtorizzazzjoni ([1])
— l-irtirar taċ-ċertifikat ta' awtorizzazzjoni ([1])

} għat-tqegħid fis-suq u d-dħul fis-servizz ta' tagħmir jew parts li jistgħu joħolqu riskju serju għall-funzjonament tajjeb tas-sistemi li huma essenzjali għas-sikurezza tal-vettura jew għall-prestazzjoni ambjentali tagħha

TAQSIMA I

Tip ta' part jew tagħmir ([1]): .....

Numri tal-part jew tat-tagħmir ([1]): .....

Numru taċ-ċertifikat ta' awtorizzazzjoni tal-UE: .....

Raġuni għall-estensjoni/għaċ-ċaħda/għall-irtirar ([1]): .....

Isem u indirizz tal-manifattur: .....

Ismijiet u indirizzi tal-impjanti tal-assemblaġġ: .....

L-isem u l-indirizz tar-rappreżentant tal-manifattur (jekk hemm wieħed): .....

TAQSIMA II

Il-part jew it-tagħmir ([1]) huwa maħsub speċifikament biex jiġi installat fuq il-vetturi li ġejjin:

Għamla (isem kummerċjali tal-manifattur): .....

Tipi ([2]): .....

Varjanti ([2]): .....

Verżjonijiet ([2]): .....

TAQSIMA III

Preskrizzjonijiet:

(a) għas-sikurezza tal-kostruzzjoni tal-vettura ([1]): .....

(b) għas-sikurezza funzjonali tal-vettura ([1]): .....

▼B

(c) għall-prestazzjoni tal-brejkijiet tal-vettura ([1]): .....

(d) għall-ħarsien ambjentali tal-vettura ([1]): .....

(e) għall-istandards tat-testijiet ([1]): .....

TAQSIMA IV

Preskrizzjonijiet ibbażati fuq:

(a) l-Annessi … ([3]) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) (Nru) ([1]) …/… (u l-Annessi … ([3]) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) (Nru) ([1]) …/…) ([1]), kif emendat l-aħħar bir-Regolament (ta' Delega tal-Kummissjoni) ([1]) (UE) (Nru) ([1]) …/… ([1]) ([4]) (tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) ([1])

(b) tqabbil tal-part/tat-tagħmir ([1]) mal-prestazzjoni ambjentali/mal-prestazzjoni tas-sikurezza ([1]) tal-vettura oriġinali/tal-parts tal-vettura oriġinali ([1]) (spjega) ([1]): .....

.....

TAQSIMA V — SERVIZZ TEKNIKU

Servizz tekniku responsabbli għat-twettiq tat-testijiet: .....

Data tar-rapport tat-test: .....

Numru tar-rapport tat-test: .....

TAQSIMA VI

Il-part jew it-tagħmir ([1]) ifixkel/ma jfixkilx ([1]) il-funzjonament ta' dawk is-sistemi li huma essenzjali għas-sikurezza tal-vettura jew għall-prestazzjoni ambjentali tagħha.

Iċ-ċertifikat ta' awtorizzazzjoni qed jingħata/jiġi estiż/jiġi rrifjutat/jiġi rtirat ([1]).

Post: .....

Data: .....

Isem u firma (jew rappreżentazzjoni viżiva ta' "firma elettronika avvanzata" skont id-Direttiva 1999/93/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, inkluża d-dejta għall-verifika): .....

Dokumenti mehmużin:

Ir-rapport tat-test.

Noti ta' spjegazzjoni marbutin mal-Appendiċi 1

(Ir-referenzi għan-noti ta' qiegħ il-paġna, in-noti ta' qiegħ il-paġna u n-noti ta' spjegazzjoni m'għandhomx jitniżżlu fiċ-ċertifikat tal-awtorizzazzjoni tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE)

([1]) Ħassar fejn mhux applikabbli.

([2]) Agħti l-kodiċi alfanumeriku tat-Tip-Varjant-Verżjoni jew "TVV" allokat għal kull tip, varjant u verżjoni kif stabbilit fil-punt 2.3. tal-Parti B tal-Anness I ta' dan ir-Regolament. Għall-identifikazzjoni tal-varjant u tal-verżjonijiet, wieħed jista' juża l-matriċi stabbilita fil-punt 2.2. tal-Parti B tal-Anness I ta' dan ir-Regolament.

([3]) In-numru Ruman tal-Anness rilevanti tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni jew id-diversi numri Rumani tal-Annessi rilevanti tal-istess Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni.

([4]) Agħti l-aħħar emenda tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni skont l-emenda li saret għall-approvazzjoni tat-tip tal-UE.

▼B

ANNESS XI

Sistema ta' numerar taċ-ċertifikati għat-tqegħid fis-suq u d-dħul fis-servizz ta' tagħmir jew parts li jistgħu joħolqu riskju serju għall-funzjonament tajjeb tas-sistemi essenzjali

1. **Sistema ta' numerar**

1.1. In-numru taċ-ċertifikati għat-tqegħid fis-suq u d-dħul fis-servizz ta' tagħmir jew parts li jistgħu joħolqu riskju serju għall-funzjonament tajjeb tas-sistemi essenzjali għandu jkun magħmul minn għadd totali ta' ħames taqsimiet, kif spjegat fid-dettall hawn taħt. It-taqsimiet għandhom jiġu separati b'asterisk ("*").

1.1.1. It-Taqsima 1: l-ittra ż-żgħira "e" u warajha n-numru li jiddistingwi lill-Istat Membru li qed joħroġ iċ-ċertifikat (mogħti fil-punt 2.1. tal-Anness VI).

1.1.2. It-Taqsima 2: għandu jiġi indikat in-numru tar-Regolament (UE) Nru 167/2013, jiġifieri n-numru "167/2013".

1.1.3. It-Taqsima 3: l-identifikazzjoni tal-part jew tal-komponent, skont il-lista mogħtija fl-Anness IX:

1.1.3.1. għat-tagħmir jew il-parts li jkollhom impatt sinifikanti fuq is-sikurezza tal-kostruzzjoni tal-vettura u/jew fuq is-sikurezza funzjonali tagħha u/jew fuq il-prestazzjoni tal-brejkijiet tagħha, dan ifisser is-simbolu "I" segwit mill-karattru "/" u min-"Numru tal-oġġett" korrispondenti mogħti fit-Tabella 9-1 fl-Anness IX. In-"Numru tal-oġġett" għandu jkollu tliet ċifri u jibda min-numru "001";

1.1.3.2. għat-tagħmir jew il-parts li jkollhom impatt sinifikanti fuq il-prestazzjoni ambjentali tal-vettura, dan ifisser is-simbolu "II" segwit mill-karattru "/" u min-"Numru tal-oġġett" korrispondenti mogħti fit-Tabella 9-2 fl-Anness IX. In-"Numru tal-oġġett" għandu jkollu tliet ċifri u jibda min-numru "001".

1.1.4. It-Taqsima 4: in-numru sekwenzjali taċ-ċertifikat:

— numru sekwenzjali b'żerijiet fuq quddiem (skont il-każ) li jirrappreżenta n-numru taċ-ċertifikat. In-numru sekwenzjali għandu jkollu erba' ċifri u jibda minn "0001".

1.1.5. It-Taqsima 5: in-numru sekwenzjali li jirrappreżenta l-livell tal-estensjoni taċ-ċertifikat:

— numru sekwenzjali b'żewġ ċifri, b'żero fuq quddiem skont il-każ, li jibda minn "00" għal kull numru taċ-ċertifikat maħruġ.

1.2. Format tan-numerar ta' ċertifikat (b'numri sekwenzjali fittizji għall-għanijiet tal-ispjegazzjoni).

▼B

Eżempju ta' numru ta' ċertifikat maħruġ mill-Bulgarija għal tagħmir jew parts integrati f'vettura li ngħatat approvazzjoni tat-tip skont ir-Regolament (UE) Nru 167/2013 li ġiet estiża darbtejn:

— e34*167/2013*II/002*048*02

— e34 = il-Bulgarija (it-Taqsima 1);

— 167/2013 = in-numru tar-Regolament ta' referenza (it-Taqsima 2);

— II/002 = l-oġġett numru 2 fil-lista ta' tagħmir jew parts li għandhom impatt sinifikanti fuq il-prestazzjoni ambjentali tal-vettura (it-Taqsima 3);

— 048 = in-numru sekwenzjali taċ-ċertifikat (it-Taqsima 4);

— 02 = in-numru tal-estensjoni taċ-ċertifikat (it-Taqsima 5).

Eżempju ta' numru ta' ċertifikat maħruġ mill-Awstrija għal tagħmir jew parts integrati f'vettura li ngħatat approvazzjoni tat-tip skont ir-Regolament (UE) Nru 167/2013 li ġiet estiża darba:

— e12*167/2013*I/034*325*01

— e12 = l-Awstrija (it-Taqsima 1);

— 167/2013 = in-numru tar-Regolament ta' referenza (it-Taqsima 2);

— I/034 = l-oġġett numru 34 fil-lista ta' tagħmir jew parts li għandhom impatt sinifikanti fuq is-sikurezza tal-kostruzzjoni tal-vettura u/jew fuq is-sikurezza funzjonali tagħha u/jew fuq il-prestazzjoni tal-brejkijiet tagħha (it-Taqsima 3);

— 325 = in-numru sekwenzjali taċ-ċertifikat (it-Taqsima 4);

— 01 = in-numru tal-estensjoni taċ-ċertifikat (it-Taqsima 5).